REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/159

tal-31 ta' Jannar 2019

li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri proviżorji

(1) Fit-18 ta' Lulju 2018, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1013 ([3]) impona miżuri proviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar ("ir-Regolament proviżorju").

(2) L-investigazzjoni nbdiet *ex officio* fis-26 ta' Marzu 2018 ("in-Notifika ta' Bidu") ([4]) f'26 kategorija differenti tal-prodott tal-azzar, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(3) Fit-28 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni estendiet l-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni ta' salvagwardja għal żewġ kategoriji addizzjonali ("Avviż ta' Estensjoni") ([5]).

(4) Kif imsemmi fil-premessa (20) tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni kopriet il-perjodu mill-2013 sal-2017 ("il-perjodu kkunsidrat").

1.2. Proċess ġust

(5) Il-Kummissjoni rċeviet 452 tweġiba għall-kwestjonarju mingħand partijiet interessati fil-qafas ta' din l-investigazzjoni.

(6) Il-Kummissjoni rċeviet ukoll għadd estensiv ta' kummenti bil-miktub dwar il-konstatazzjoniet li jinsabu fir-Regolament proviżorju mill-produtturi tal-Unjoni, il-produtturi esportaturi, l-importaturi, l-utenti, l-assoċjazzjonijiet u l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi.

(7) Wara l-adozzjoni tal-miżuri proviżorji, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tivverifika aktar fil-fond l-informazzjoni (inkluża l-aktar *data* reċenti) ipprovduta mill-produtturi tal-Unjoni għall-fini tad-determinazzjoni finali. Minħabba l-għadd kbir ta' produtturi tal-UE li kkooperaw, kien materjalment impossibbli li jsiru żjarat ta' verifika fil-bini ta' kull produttur tal-Unjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni għażlet li tiċċekkja l-kwalità u l-affidabbiltà tad-*data* billi tivverifika dawk ta' għadd ta' produtturi magħżula li ntgħażlu biex ikopru volum ta' produzzjoni kbir biżżejjed u l-aktar firxa wiesgħa possibbli tal-kategoriji ta' prodotti taħt investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni vverifikat it-tweġibiet għall-kwestjonarju fil-bini ta' għaxar produtturi tal-Unjoni li rrappreżentaw aktar minn 15 % tal-bejgħ totali fl-Unjoni fl-2017 tal-prodott li qed jiġi investigat.

(8) Minn Ġunju sa Settembru 2018, saru tliet żjarat addizzjonali ta' verifika fil-bini tal-produtturi tal-Unjoni li ġejjin:

— ArcelorMittal Poland S.A., il-Polonja;

— Compañía Española de Laminación, S.L (CELSA), Spanja;

([1]) ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16.
([2]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33.
([3]) Ir-regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1013 tas-17 ta' Lulju 2018 li jimponi miżuri proviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 181, 18.7.2018, p. 39).
([4]) Notifika ta' Bidu ta' investigazzjoni ta' salvagwardja rigward importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar (ĠU C 111, 26.3.2018, p. 29.
([5]) Avviż li jemenda l-avviż ta' bidu ta' investigazzjoni ta' salvagwardja dwar l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar (ĠU C 225, 28.6.2018, p. 54).

— Mannesmann Precision Tubes GmbH, (Salzgitter Group), il-Ġermanja;

— Mannesmann Stainless Tubes GmbH, (Salzgitter Group), il-Ġermanja;

— Marcegaglia Carbon steel Spa, l-Italja;

— Marcegaglia Specialties Spa, l-Italja;

— Riva Stahl GmbH, il-Ġermanja;

— SIJ Acroni d.o.o., is-Slovenja;

— U. S. Steel Košice, s.r.o., is-Slovakkja; u

— Ugitech SA, Franza.

(9) Sabiex tikseb l-aktar informazzjoni reċenti għad-determinazzjoni finali tagħha, fis-7 ta' Settembru 2018 il-Kummissjoni talbet lill-assoċjazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni biex jissottomettu sett aġġornat ta' *data* dwar il-kategoriji tal-prodott taħt investigazzjoni.

(10) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/478 u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/755 il-partijiet interessati kollha li talbu seduta ta' smigħ fi ħdan il-limitu stabbilit inġhataw tali seduta ta' smigħ. Fit-12, it-13 u l-14 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni organizzat 93 sessjoni ta' smigħ individwali, li matulhom 150 parti interessata esprimew il-fehmiet tagħhom.

(11) Il-kummenti ppreżentati fi żmien l-iskadenzi mill-partijiet interessati, bil-miktub jew bil-fomm matul is-sessjonijiet ta' smigħ, ġew ikkunsidrati kif xieraq u meqjusa fejn xieraq.

2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI JEW LI JIKKOMPETI B'MOD DIRETT MIEGĦU

(12) Il-prodott ikkonċernat huwa ċerti prodotti tal-azzar li jappartjenu lit-28 kategorija tal-prodott tal-azzar definiti fin-Notifika ta' Bidu msemmija hawn fuq, kif emendata mill-Avviż ta' Estensjoni, meħud kollu f'daqqa. Dawn il-kategoriji tal-prodott huma soġġetti għall-miżuri tariffarji tal-Istati Uniti taħt it-Taqsima 232 tal-Att dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ tal-1962 ("miżuri tal-Istati Uniti fit-Taqsima 232").

2.1. **Definizzjoni ta' grupp wieħed**

(13) Il-Kummissjoni ddefinixxiet l-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni ta' salvagwardja fil-premessi (11) sa (17) tar-Regolament proviżorju, fejn ippreżentat raġunament dettaljat b'appoġġ tal-analiżi globali fid-dawl tal-interrelazzjonijiet b'saħħithom bejn il-kategoriji kollha tal-prodott soġġett għall-investigazzjoni.

(14) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, bosta partijiet interessati ddikjaraw li m'hemmx prodott wieħed ikkonċernat iżda diversi prodotti kkonċernati. Dawn il-partijiet osservaw li n-Notifika ta' Bidu ma tirreferix għal prodott wieħed ikkonċernat iżda tuża f'xi passaġġi l-plural u tirreferi għal "prodotti kkonċernati".

(15) L-istess partijiet sostnew li l-approċċ segwit mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni attwali jmur kontra d-deċiżjoni tal-Korp tal-Appell ("AB — Appellate Body") fl-Istati Uniti — Salvagwardji tal-Azzar ([6]). F'dan il-każ, l-AB iddeċieda li l-applikazzjoni ta' approċċ globali għall-kalkolu ta' "*żviluppi mhux previsti*" tista' twassal għall-applikazzjoni ta' "*miżuri ta' salvagwardja għal kategorija wiesgħa ta' prodotti anki jekk l-importazzjonijiet ta' wieħed jew aktar minn dawk il-prodotti ma żdidux u ma rriżultawx minn "żviluppi mhux previsti""* u ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżit tal-Artikolu XIX tal-GATT. Dawn il-partijiet sostnew ukoll li fl-investigazzjoni ta' salvagwardja dwar l-Azzar tal-2002 ([7]), il-Kummissjoni wettqet analiżi separata għal kull kategorija ta' prodott u minħabba f'hekk, f'dan il-każ, għandha wkoll titwettaq l-istess valutazzjoni individwali.

(16) Fl-aħħar nett, diversi partijiet interessati kkontestaw l-interrelazzjonijiet u l-interkonnessjonijiet bejn il-kategoriji tal-prodotti li l-Kummissjoni ressqet biex tiġġustifika l-analiżi unika tagħha. Dawn il-partijiet, filwaqt li jirrikonoxxu li tali rabtiet jeżistu bejn ċerti kategoriji ta' prodotti, kienu tal-fehma li dawn mhumiex preżenti fil-kategoriji kollha, pereżempju bejn il-kategoriji tal-azzar bil-karbonju u tal-azzar inossidabbli, jew bejn prodotti ċatti, prodotti twal u pajpijiet.

([6]) Rapport tal-Korp tal-Appell tad-WTO, US — *Miżuri ta' Salvagwardja definittivi fuq l-Importazzjonijiet ta' Ċerti Prodotti tal-Azzar*, WT/DS259/AB/R, para. 319.

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1694/2002 (ĠU L 261, 28.9.2002, p. 1).

(17) Il-Kummissjoni analizzat dawn l-affermazzjonijiet u rrifjutathom fuq il-bażi li ġejja. L-ewwel nett, l-Avviż ta' Bidu jiddikjara bosta drabi b'mod ċar u mingħajr ebda dubju li t-28 kategorija tal-prodott li qed jiġu investigati ġew ittrattati bħala grupp uniku ta' prodotti sabiex jiġi analizzat jekk il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tas-salvagwardji kinux ġustifikati. Fil-fatt, ir-Regolament proviżorju jirreferi għal 28 kategorija tal-prodott bħala "il-prodott ikkonċernat" jew "il-kategoriji tal-prodott kkonċernat" (ara l-premessa (11) tar-Regolament proviżorju) u l-analiżi li hemm fih issir fuq il-bażi tat-28 kategorija tal-prodott kkonċernat meħuda kollha flimkien (ara l-premessa (22) tar-Regolament proviżorju). Għalhekk, ir-referenza għal "prodotti kkonċernati" għandha tinftiehem bħala l-kategoriji tal-prodott eżaminati flimkien bħala parti minn prodott uniku kkonċernat.

(18) It-tieni nett, il-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji ma jimponi l-ebda obbligu speċifiku fir-rigward tad-definizzjoni jew l-ambitu tal-prodott li qed jiġi investigat u ma jinkludi l-ebda linji gwida fir-rigward ta' din il-kwistjoni, kif ikkonfermat minn Bord tad-WTO. Fil-fatt, miżura ta' salvagwardja tista' tiġi applikata għal prodott, li l-importazzjoni tiegħu tkun żdiedet; madankollu, mhijiex meħtieġa analiżi diżaggregata għall-każijiet kollha li fihom id-definizzjoni tal-prodott li qed jiġi investigat tinkludi aktar minn prodott wieħed. Għaldaqstant, hija l-awtorità investigattiva li tiddefinixxi l-prodott li qed jiġi investigat, kif ukoll il-mod li bih id-*data* rilevanti għandha tiġi analizzata fl-investigazzjoni. ([8]) Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda affermazzjoni li tispjega kif, fiċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti, il-konsiderazzjoni konġunta tal-kategoriji tal-prodott setgħet affettwat l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni u/jew irriżultat f'determinazzjoni inadegwata taż-żieda fl-importazzjonijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Fl-aħħar nett, u inċidentalment, il-Kummissjoni tinnota wkoll li d-deċiżjoni tal-Korp tal-Appell imsemmija mill-partijiet tikkonċerna l-analiżi ta' żvilupp mhux previst, u mhux bħala tali l-kwistjoni ta' jekk hijiex permessa analiżi globali taħt il-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji.

(19) It-tielet, għalkemm il-Kummissjoni tenniet u kkonfermat fl-aħħar determinazzjoni tagħha l-ħtieġa li f'dan il-każ titwettaq analiżi ġenerali tal-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġu imposti salvagwardji, sabiex tkompli tiġi eżaminata r-rabta bejn ċerti kategoriji kif argumentat minn xi partijiet interessati, il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll li teżamina t-28 kategorija tal-prodott investigat, li huma ttrattati formalment bħala grupp wieħed, kif ukoll bħala tliet "familji ta' prodotti" tal-azzar. Din id-deċiżjoni ttieħdet sabiex jiġi eżaminat, barra minn hekk, jekk il-konstatazzjoniet għall-grupp uniku humiex ikkonfermati f'livell aktar diżaggregat u sabiex jitneħħa kull dubju dwar l-affidabbiltà tal-konklużjonijiet milħuqa f'livell ġenerali. It-tliet familji ta' prodotti tal-azzar jiġbru mill-ġdid ċerti kategoriji ta' prodotti li juru livell saħansitra aktar b'saħħtu ta' punti komuni bejniethom.

(20) Fil-fatt, l-industrija tal-azzar spiss tuża tliet familji ta' prodotti tal-azzar, jiġifieri: prodotti ċatti, prodotti twal u tubi. Fil-qafas ta' din l-investigazzjoni ta' salvagwardja qed jitqies li f'kull waħda minn dawn il-familji, il-prodotti għandhom karatteristiċi simili, spiss jużaw l-istess proċessi ta' produzzjoni, spiss ikunu l-input għal prodotti oħra downstream fi ħdan il-familja, għandhom utenti jew konsumaturi komuni fil-katina tal-provvista, u huwa għalhekk li s-sostitwibbiltà tal-provvista u tad-domanda tagħhom u l-kompetizzjoni intra-"familjari" hija aktar evidenti milli kieku l-kategoriji kollha tal-prodott tal-azzar kienu meħuda flimkien fi grupp wieħed.

(21) It-tliet "familji ta' prodotti" huma definiti kif ġej:

Tabella 1

familji tal-prodotti

Familja tal-prodott	Kategorija tal-prodott
1 Prodotti ċatti	1,2,3,4,5,6,7,8,9,10,11
2 Prodotti twal	12,13,14,15,16,17,18,19,27,28
3 Tubi	20,21,22,23,24,25,26

(22) Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tindirizza l-kummenti magħmula minn ċerti partijiet interessati fir-rigward tad-definizzjoni wiesgħa tal-prodott ikkonċernat billi tikkumplimenta l-valutazzjoni kumplessiva tat-28 kategorija tal-prodott li qed jiġu investigati b'analiżi għal kull familja ta' prodott kif definit hawn fuq.

([8]) Ir-rapport tal-Bord tad-WTO, *Dominican Republic — Safeguard Measures on Imports of Polypropylene Bags and Tubular Fabric*, WT/DS415/R, WT/DS416/R, WT/DS417/R, WT/DS418/R, paragrafi 7.177 u 7.236.

2.2. **Talbiet li jikkonċernaw kategoriji speċifiċi tal-prodott**

(23) Bosta partijiet interessati sostnew li ċerti kategoriji tal-prodott speċifiċi għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott ikkonċernat, minħabba allegazzjoni ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew disponibbiltà limitata ta' produzzjoni fl-Unjoni. Dawn l-affermazzjonijiet jikkonċernaw b'mod partikolari l-kategoriji tal-prodott li ġejjin:

— Folji elettriċi mhux bil-vina użati fil-manifattura tal-muturi u tal-ġeneraturi li (li jaqgħu fil-kategorija tal-prodott 3);

— Partijiet tal-azzar użati bħala inputs fl-industrija awtomobilistika (li jaqgħu fil-kategorija tal-prodott 4);

— Prodotti stanjati (li jaqgħu fil-kategorija tal-prodott 6);

(24) Il-Kummissjoni analizzat bir-reqqa dawn l-affermazzjonijiet u waslet għall-konklużjoni li prodotti simili jew kategoriji ta' prodotti li jikkompetu direttament fil-fatt jiġu prodotti fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif se jiġi elaborat hawn taħt fit-taqsima dwar l-interess tal-Unjoni, il-Kummissjoni sawret il-miżuri ta' salvagwardja b'tali mod li jiġi żgurat li t-tfixkil fl-importazzjonijiet jiġi minimizzat u li jiġu ppreservati l-livelli tradizzjonali ta' importazzjoni mis-sħab kummerċjali. Għalhekk, il-probabbiltà allegata ta' skarsezza ta' xi kategoriji ta' prodotti mhijiex ġustifikata, b'konsiderazzjoni wkoll tal-aġġustamenti u tal-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fl-analiżi tal-interess tal-Unjoni.

(25) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talba għall-esklużjoni ta' ċerti kategoriji ta' prodotti għandha tiġi miċħuda.

(26) Fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri dwar il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili jew li jikkompeti direttament, il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi (11) sa (17) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3. ŻIEDA FL-IMPORTAZZJONIJIET

(27) Fil-premessi (20) sa (29) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni għamlet analiżi ġenerali taż-żieda fl-importazzjonijiet għat-28 kategorija tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu 2013-2017. Din l-analiżi globali diġà eskludiet kategoriji ta' prodotti li ma wrewx żieda fl-importazzjoni fuq livell individwali.

(28) Għad-determinazzjoni definittiva tagħha, il-Kummissjoni segwiet l-istess approċċ iżda, kif spjegat qabel, ikkumplimentat l-analiżi tagħha billi eżaminat l-iżvilupp tal-importazzjonijiet għal kull waħda mit-tliet familji ta' prodotti identifikati fit-Taqsima 2.2 biex tikkonferma l-validità tal-konklużjonijiet milħuqa fuq bażi globali.

(29) Il-Kummissjoni użat fl-analiżi tagħha l-aktar statistika reċenti, jiġifieri d-*data* tal-importazzjoni li tkopri l-ewwel nofs tal-2018. Biex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-*data* ma' perjodi ta' snin sħaħ preċedenti, il-Kummissjoni stabbilixxiet perjodu addizzjonali *ad hoc* ta' 12-il xahar tal-aħħar 6 xhur tal-2017 u l-ewwel 6 xhur tal-2018 ("l-aktar perjodu reċenti" jew "MRP — most recent period"). Il-Kummissjoni kkoreġiet ukoll xi żbalji żgħar klerikali fid-*data* użata fl-istadju proviżorju.

(30) Barra minn hekk, fil-valutazzjoni tagħha tal-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet, il-Kummissjoni ma kkunsidratx il-volumi tal-importazzjoni minn sensiela ta' pajjiżi li għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-miżuri definittivi, b'mod partikolari: il-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u ċerti pajjiżi li magħhom l-Unjoni ffirmat Ftehim ta' Shubija Ekonomika li huwa attwalment fis-seħħ, u li speċifikament jipprevedu esklużjoni mill-ambitu ta' salvagwardja multilaterali. ([9])

(31) Filwaqt li, fl-istadju proviżorju, l-importazzjonijiet instabu li ma żdidux għal 5 kategoriji tal-prodott, ([10]) l-eżami tad-*data* tal-importazzjoni l-aktar reċenti juri li 2 biss minn 28 kategorija tal-prodott ma esperjenzawx żieda fl-importazzjonijiet, jiġifieri l-kategorija tal-prodott 11 u l-kategorija tal-prodott 23. Il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li teskludi dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti mill-ambitu tal-analiżi finali tagħha. L-iżvilupp individwali tal-importazzjonijiet għal kull kategorija tal-prodott huwa inkluż fl-Anness II.

([9]) Il-Botswana, il-Kamerun, Fiġi, il-Gana, il-Kosta tal-Avorju, il-Lesoto, il-Mozambique, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel, l-Eswatini.
([10]) Dawn kienu l-kategoriji tal-prodott nri 10, 11, 19, 24 u 27.

(32) Fir-rigward tal-analiżi tal-importazzjonijiet globali, l-importazzjonijiet tas-26 kategorija tal-prodott li jifdal li qed jiġu vvalutati juru l-iżviluppi li ġejjin:

Tabella 2

Il-volum tal-importazzjonijiet (wara l-esklużjoni ta' ċerti pajjiżi u prodotti) u s-sehem mis-suq

	2013	2014	2015	2016	2017	MRP
Importazzjonijiet (000 ta' tunnellati)	18 329	21 868	26 552	29 141	30 094	31 314
indiċi 2013 = 100	*100*	*119*	*145*	*159*	*164*	*171*
Sehem mis-suq	12,7 %	14,4 %	16,9 %	17,9 %	18,1 %	18,8 %

Sors: Tweġibiet tal-Eurostat u għall-kwestjonarju dwar l-industrija tal-Unjoni.

(33) L-importazzjonijiet żdiedu f'termini assoluti b'71 % matul il-perjodu ta' analiżi, u f'termini relattivi mal-ishma tas-suq żdiedu minn 12,7 % għal 18,8 %. L-aktar żieda sinifikanti seħħet fil-perjodu 2013-2016. Sussegwentement, l-importazzjonijiet komplew jiżdiedu b'pass aktar bil-mod qabel ma reġgħu żdiedu fl-MRP, meta daħlu fis-seħħ il-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti. Ix-xejra msemmija hawn fuq hija kkonfermata wkoll mill-maġġoranza vasta tat-tweġibiet għall-kwestjonarju li waslu mingħand produtturi bbażati fil-pajjiżi esportaturi ewlenin. ([11])

(34) Sabiex tissupplimenta l-analiżi tal-importazzjoni globali, il-Kummissjoni wettqet eżami tal-evoluzzjoni tal-importazzjoni għal kull waħda mit-tliet familji ta' prodotti identifikati hawn fuq: prodotti ċatti, prodotti twal u tubi. Fuq din il-bażi, il-volumi ta' importazzjoni u l-ishma tas-suq korrispondenti żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

Il-volum tal-importazzjonijiet (wara l-esklużjoni ta' ċerti pajjiżi u prodotti) u s-sehem mis-suq — skont il-familja

	2013	2014	2015	2016	2017	MRP
Prodotti ċatti						
importazzjonijiet (000 ta' tunnellati)	12 327	14 215	18 391	20 281	20 299	20 202
indiċi 2013 = 100	*100*	*115*	*149*	*164*	*164*	*164*
Sehem mis-suq	14,2 %	15,8 %	19,4 %	20,7 %	20,9 %	20,9 %
Prodotti twal						
importazzjonijiet (000 ta' tunnellati)	4 001	5 258	6 028	6 550	6 465	7 901
indiċi 2013 = 100	*100*	*131*	*151*	*164*	*162*	*197*
Sehem mis-suq	8,6 %	10,6 %	11,8 %	12,4 %	11,8 %	14,0 %
Tubi						
importazzjonijiet (000 ta' tunnellati)	2 001	2 396	2 134	2 310	3 330	3 212
indiċi 2013 = 100	*100*	*120*	*107*	*115*	*166*	*160*
Sehem mis-suq	20,4 %	20,8 %	19,9 %	20,1 %	25,3 %	25,7 %

Sors: Tweġibiet tal-Eurostat u għall-kwestjonarju dwar l-industrija tal-Unjoni.

([11]) Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Indja, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ir-Russja, il-Korea t'Isfel u t-Turkija.

(35) L-istatistika turi li t-tliet familji ta' prodotti (prodotti ċatti, prodotti twal u tubi) żdiedu f'termini assoluti b'64 % 97 % u 60 % rispettivament matul l-2013 — MRP. Fl-istess perjodu, l-importazzjonijiet żdiedu wkoll f'termini relattivi mal-ishma fis-suq li żdiedu rispettivament minn 14,2 % għal 20,9 %; 8,6 % sa 14,0 % u 20,4 % sa 25,7 %.

(36) L-aktar żieda sinifikanti għall-prodotti ċatti, kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi, seħħet fil-perjodu 2013-2016. L-importazzjonijiet minn hemm 'il quddiem baqgħu relattivament stabbli iżda f'livell ħafna ogħla milli kienu fil-perjodu 2013-2015. Għal prodotti twal, l-aktar żieda sinifikanti kemm f'termini assoluti kif ukoll f'termini relattivi, seħħet fil-perjodu 2013-2016 qabel żdiedet bil-qawwa fil-MRP. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tubi, l-importazzjonijiet żdiedu progressivament matul il-perjodu 2013-2016, qabel ma żdiedu b'mod qawwi, kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi, fil-perjodu 2016-MRP.

(37) Fir-rigward tal-kummenti li rċeviet il-Kummissjoni, parti interessata sostniet li żewġ kategoriji ta' prodotti mill-ħames waħda li kienu ġew esklużi mill-ambitu tal-miżuri proviżorji, jiġifieri l-kategoriji tal-prodott 10 u 19, għandhom ikunu koperti mill-miżuri definittivi minħabba li l-istatistika reċenti turi żieda fl-importazzjonijiet. Parti oħra għamlet affermazzjoni simili fir-rigward tal-kategorija tal-prodott 24. Dawn l-affermazzjonijiet ġew aċċettati peress li, kif spjegat qabel, l-istatistika dwar l-importazzjoni relatata mal-kategoriji tal-prodott 10, 19 u 24 fil-fatt uriet żieda ġenerali fl-importazzjonijiet fuq il-perjodu 2013 — MRP. Barra minn hekk, il-volumi ta' importazzjoni għal dawn it-tliet kategoriji tal-prodott żdiedu wkoll matul il-perjodu 2017-MRP. Barra minn hekk, kif żviluppat fil-premessa (34), dawn il-prodotti jappartjenu għal familji ta' prodotti li wkoll juru żieda matul il-perjodu 2013-MRP.

(38) Diversi partijiet interessati sostnew li ma kienx hemm żieda f'daqqa, qawwija, sinifikanti u reċenti fl-importazzjonijiet u rriferew għar-rapport tal-Korp tal-Appell Arġentina — Żraben ([12]) u każijiet oħrajn tad-WTO bħal pereżempju l-Istati Uniti — Glutina tal-Qamħ ([13]), l-Ukrajna — Karozzi tal-Passiġġieri ([14]), l-Istati Uniti — Salvagwardji tal-Azzar ([15]). Fil-qosor, din il-ġurisprudenza tistipula li mhuwiex biżżejjed għal investigazzjoni li turi li l-importazzjonijiet żdiedu matul perjodu ta' ħames snin. Iż-żieda trid tkun suffiċjentement reċenti, f'daqqa u sinifikanti kemm b'mod kwantitattiv kif ukoll kwalitattiv, biex tikkawża jew thedded li tikkawża dannu serju. Din il-ġurisprudenza ċċarat ukoll it-tifsira ta' bidla f'daqqa ("li tinvolvi bidla f'daqqa fid-direzzjoni; f'daqqa, weqfin") u f'daqqa ("jiġru jew jiġu mingħajr twissija; "mhux mistennija", jew "f'daqqa"). Partijiet oħra sostnew ukoll li ż-żieda fl-importazzjonijiet kienet stabbli jew li l-importazzjonijiet żdiedu sal-2015 mingħajr ma wrew żieda kbira f'daqqa jew qawwija minn dak iż-żmien.

(39) F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li l-Kummissjoni wettqet analiżi bir-reqqa tal-volumi ta' importazzjoni tal-kategoriji ta' prodotti tal-28 matul il-perjodu 2013-2017 (b'kunsiderazzjoni tax-xejriet fl-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni, aktar milli sempliċiment tqabbel il-punti finali) u li analizzat ukoll l-iżvilupp tal-importazzjonijiet fil-MRP. Fuq din il-bażi, hija eskludiet minn qabel ċerti kategoriji ta' prodotti li ma wrewx żieda matul il-perjodu 2013-MRP. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessi (33), (35) u (36), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet kienu żdiedu f'termini assoluti b'71 % globalment u bejn 60 % u 97 % meta ngħaqdu f'familji ta' prodotti matul il-perjodu 2013-MRP. Barra minn hekk, l-istatistika tal-Eurostat turi wkoll li l-importazzjonijiet żdiedu b'45 % bejn l-2013 u l-2015 u li din iż-żieda qawwija kompliet sal-MRP biex jilħaq 71 % b'mod ġenerali. Xejra simili hija osservata wkoll f'dak li għandu x'jaqsam maż-żieda relattiva fl-importazzjonijiet. Fuq din il-bażi, huwa kkonfermat li ż-żieda fl-importazzjonijiet kienet waħda qawwija u f'daqqa kif iċċarat mill-każistika. Meta wieħed iqis il-firxa taż-żieda, huwa kkonfermat ukoll li ż-żieda kienet sinifikanti. F'dak li għandu x'jaqsam mar-rettur, il-Kummissjoni tinnota li m'hemm l-ebda ġurisprudenza speċifika dwar kif it-terminu "reċenti" għandu jiġi interpretat. Il-korp tal-Appell sempliċement interpreta r-rekwiżit li Membru jista' japplika salvagwardja biss jekk prodott "ikun qed jiġi importat" fi kwantitajiet akbar biex ifisser li ż-żieda fl-importazzjonijiet trid tkun "reċenti" biżżejjed biex tikkawża jew thedded li tikkawża dannu serju. ([16]) Il-Kummissjoni kkonfermat li ż-żieda fl-importazzjonijiet, minħabba l-iżviluppi fil-perjodu 2013-MRP u anke 2015-MRP, kienet reċenti biżżejjed biex tikkawża jew thedded li tikkawża dannu serju. Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat l-affermazzjonijiet imsemmija hawn fuq dwar in-nuqqas ta' żieda ta' importazzjoni kwalifikanti.

([12]) Rapport tal-Korp tal-Appell tad-WTO, *Arġentina — Miżuri ta' Salvagwardja fuq l-Importazzjonijiet ta' Ilbies għar-riġlejn*, WT/DS121/9, para.131.

([13]) Rapport tal-Bord tad-WTO, l-Istati Uniti — *Miżuri ta' Salvagwardja Definittivi dwar l-Importazzjonijiet ta' Qamħ Gluten mill-Komunitajiet Ewropej*, WT/DS166/R, para. 8.31

([14]) Ir-rapport tal-Bord tad-WTO, l-Ukraina — *Miżuri ta' Salvagwardja Definittivi fuq il-Karozzi tal-Passiġġieri*, WT/DS468/R, ir-Rapport tal-Bord tas-26 ta' Ġunju 2015, para. 7.146

([15]) Rapport tal-Bord tad-WTO, l-Istati Uniti — *Miżuri ta' Salvagwardja definittivi dwar l-Importazzjonijiet ta' Ċerti Prodotti tal-Azzar*, WT/DS259/R, para. 10.168.

([16]) Rapport tal-Korp tal-Appell tad-WTO, Arġentina — *Miżuri ta' Salvagwardja fuq l-Importazzjonijiet ta' Ilbies għar-riġlejn*, WT/DS121/AB/R, adottat fit-12 ta' Jannar 2000, para. 130.

(40) Bosta partijiet interessati sostnew li l-analiżi tal-punt ta' punt ta' tmiem mill-Kummissjoni f'livell aggregat ma kinitx biżżejjed u li l-Kummissjoni kellha tanalizza wkoll xejriet li jintervjenu matul il-perjodu 2013-2017, f'konformità mal-każistika tad-WTO bħal pereżempju l-Istati Uniti — salvagwardji għall-azzar ([17]) u l-Ukrajna — Karozzi tal-Passiġġieri ([18]). Skont din il-ġurisprudenza, l-analiżi ma tistax tiddependi fuq paragun tal-punti aħħarin tal-perjodu ta' analiżi peress li dan jista' jwassal għal riżultati mmanipulati f'każijiet fejn ma jkunx hemm xejra 'l fuq ċara u mhux interrotta fil-volumi ta' importazzjoni. Il-każistika tipprevedi wkoll li l-awtorità investigattiva tistabbilixxi spjegazzjoni motivata u adegwata dwar l-iżvilupp tal-importazzjonijiet bejn il-punti tat-tmiem.

(41) Il-Kummissjoni tqis li għadha ma għamlitx biss analiżi tal-punt ta' tmiem minħabba li, kif issostanzjat hawn fuq fil-premessa (33) sa (36), il-Kummissjoni analizzat ukoll ix-xejriet li jintervjenu u għamlet analiżi adegwata u rraġunata tax-xejriet tal-importazzjonijiet. Għaldaqstant, l-affermazzjonijiet rilevanti ġew miċħuda.

(42) Ċerti partijiet interessati indikaw li l-analiżi tal-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet matul il-perjodu 2013-2017 kienet qarrieqa peress li l-livell tal-importazzjonijiet fl-2013 kien baxx b'mod anormali bħala riżultat tal-kriżi ekonomika globali, u ż-żieda fil-perjodu sussegwenti kienet sempliċiment irkupru ta' sitwazzjoni normali.

(43) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkunsidrat li t-teħid tal-2013 bħala l-punt ta' tluq għall-analiżi ma naqqasx dik l-analiżi. Filwaqt li l-konsum tal-azzar tal-UE fil-fatt żdied b'14 % matul il-perjodu 2013-2017 (ara t-Tabella 4 hawn taħt), tali żieda nkisbet b'mod progressiv matul il-perjodu. B'kuntrast, l-importazzjonijiet żdiedu ferm aktar mid-domanda tal-UE, jiġifieri b'64 % matul l-istess perjodu u b'rata ħafna aktar mgħaġġla mill-konsum tal-UE. Konsegwentement, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet żdied b'5,4 % (minn 12,7 % għal 18,1 %) matul il-perjodu 2013-2017. Fuq din il-bażi, din i-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(44) Bosta partijiet interessati sostnew li l-importazzjonijiet mill-industrija tal-Unjoni kellhom jiġu esklużi mill-analiżi tal-volumi tal-importazzjoni. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li ma hemm l-ebda rekwiżit legali biex din l-esklużjoni ssir. Fi kwalunkwe każ, fuq il-bażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju li waslu mingħand il-produtturi tal-Unjoni, dawn l-importazzjonijiet baqgħu stabbli matul il-perjodu 2013-2017 u kienu jammontaw biss għal parti marġinali tal-importazzjoni totali (li tvarja minn 0,3 % għal 0,7 % tal-importazzjonijiet totali). Għaldaqstant, i-affermazzjoni ta' hawn fuq ġiet rifjutata.

(45) Parti interessata sostniet li l-importazzjonijiet permezz ta' pproċessar attiv kellhom jiġu esklużi mill-analiżi tal-volumi ta' importazzjoni b'mod ġenerali u għall-kategorija tal-prodott 25 b'mod partikolari. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li għall-kategoriji kollha tal-prodotti għajr il-kategorija tal-prodott 25, ix-xejra tal-volum tal-importazzjoni osservata ma tinbidilx jekk l-ipproċessar attiv huwa eskluż mill-analiżi. Fil-każ partikolari tal-kategorija tal-prodott 25, bejgħ minn produttur tal-Unjoni ntilef għall-benefiċċju ta' produttur esportatur f'suq ta' pajjiż terz. Bħala konsegwenza, tqies xieraq li jiġu inklużi dawn il-volumi fil-valutazzjoni taż-żieda fl-importazzjonijiet sabiex jiġi rifless l-impatt sħiħ tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Fuq din il-bażi, din i-affermazzjoni tal-applikant ġiet irrifjutata.

(46) Ċerti partijiet interessati sostnew li l-volum tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq korrispondenti għall-kategoriji tal-prodott 1, 6, 7, 17 u 28 naqsu matul il-perjodu 2016-2017. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li fid-determinazzjoni finali tagħha qieset ukoll l-iżvilupp tal-importazzjonijiet matul l-aktar perjodu reċenti u, fuq din il-bażi, l-importazzjonijiet żdiedu għal dawn il-kategoriji kollha bl-eċċezzjoni tal-kategorija 7. Madankollu, anki għal din il-kategorija tal-aħħar, l-importazzjonijiet matul il-MRP kienu ogħla b'mod sinifikanti mill-2013-2014. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet analiżi globali għall-prodotti kollha tal-azzar u individwalment għal kull waħda mit-tliet familji ta' prodotti identifikati, u kkonkludiet li l-importazzjonijiet żdiedu b'mod ġenerali matul il-perjodu kollu analizzat. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet irrifjutata.

(47) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li kien hemm żieda f'daqqa, qawwija u sinifikanti ta' importazzjonijiet kemm f'termini assoluti kif ukoll f'termini relattivi għall-prodott ikkonċernat taħt valutazzjoni. Din il-konstatazzjoni hija kkonfermata wkoll mid-*data* fil-livell ta' kull wieħed mit-tliet familji ta' prodotti vvalutati.

4. **ŻVILUPPI MHUX PREVISTI**

(48) Kif spjegat fid-dettall fil-premessi (30) sa (36) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li ż-żieda msemmija hawn fuq fl-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar fl-Unjoni kienet ir-riżultat ta' żviluppi mhux previsti li sabu s-sors tagħhom f'għadd ta' fatturi li jistabbilixxu u jaggravaw l-iżbilanċi fil-kummerċ internazzjonali tal-prodott ikkonċernat.

([17]) Rapport tal-Bord tad-WTO, l-Istati Uniti — *Miżuri ta' Salvagwardja definittivi dwar l-Importazzjonijiet ta' Ċerti Prodotti tal-Azzar*, WT/DS259/R, nota 17 ta' qiegħ il-paġna, para. 374.

([18]) Rapport tal-Bord tad-WTO, US — *Miżuri ta' Salvagwardja definittivi fuq l-Importazzjonijiet ta' Ċerti Prodotti tal-Azzar*, WT/DS259/R, para. 10.168, nota 16 ta' qiegħ il-paġna, para. 7.132

(49) Dawn il-fatturi kienu jikkonsistu f'kapaċità żejda mingħajr preċedent tal-produzzjoni tal-azzar li tippersisti minkejja l-għadd kbir ta' miżuri adottati madwar id-dinja biex jitnaqqas, aċċentwat minn sussidji distortivi u miżuri ta' appoġġ tal-gvernijiet, li wasslu għal tnaqqis fil-prezzijiet, żieda fl-użu ta' prattiki ta' restrizzjoni tal-kummerċ, strumenti ta' difiża tal-kummerċ u l-miżuri tal-Istati Uniti fit-Taqsima 232 adottati f'Marzu 2018.

(50) Diversi partijiet interessati sostnew li jenħtieġ li jintwerew żviluppi mhux previsti għal kull kategorija tal-prodott. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' dawn il-fehmiet u tqis li, minħabba l-interrelazzjoni għolja u l-interkonnessjoni bejn il-kategoriji tal-prodotti kif spjegat fit-Taqsima 2.1, huwa biżżejjed li tintwera l-eżistenza ta' żviluppi mhux previsti globalment. Fuq din il-bażi, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(51) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċità żejda, bosta partijiet interessati sostnew li l-kapaċità żejda hija magħrufa sew lill-Kummissjoni u ma tistax titqies bħala żvilupp mhux previst. Huma sostnew ukoll li qabel il-Kummissjoni kienet rabtet il-ħsara mġarrba mill-industrija tal-Unjoni mal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jew issussidjati u li r-rabta bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet u l-iżvilupp mhux previst tal-kapaċità żejda tal-azzar ma kinitx ġiet stabbilita.

(52) F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel jiġi nnutat li, kif ipprovdut fil-Figura 2.3 tar-rapport dwar l-Allert Kummerċjali Globali "Going Spare: Steel, Excess Capacity, and Protectionism" ([19]), il-kapaċità eċċessiva dinjija tal-azzar mhux maħdum naqset mill-2009 sal-2011 qabel ma qabdet tendenza opposta mill-2011 sal-2016. Meta wieħed iqis li l-kapaċità totali tal-produzzjoni żejda tal-azzar mhux maħdum fl-2011 kienet diġà ogħla sew mill-produzzjoni totali ta' dik is-sena, kien mistenni li l-kapaċità totali tal-azzar mhux maħdum tonqos jew tal-anqas tibqa' stabbli sabiex jittejbu l-użu tal-kapaċità u l-kosteffiċjenza. Il-kapaċità tal-produzzjoni totali tal-azzar mhux maħdum, madankollu, li baqgħet tiżdied b'mod mhux mistenni wara l-2011, li tiġġenera kapaċità żejda dinjija addizzjonali kif ikkonfermat mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha "Azzar: Iż-żamma tal-impjiegi sostenibbli u t-tkabbir sostenibbli fl-Ewropa" ([20]). Meta wieħed iqis iż-żmien tal-avvenimenti deskritti hawn fuq u b'mod aktar speċifiku l-fatt li l-kapaċità żejda tal-produzzjoni żdiedet fi żmien meta kien mistenni li tonqos ekonomikament, huwa konklużż li l-kapaċità żejda tal-azzar jenħtieġ li titqies bħala żvilupp mhux previst.

(53) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kawżalità stabbilita f'investigazzjonijiet preċedenti li jittrattaw prattiki kummerċjali inġusti, qed issir referenza għall-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq, li tipprevedi li tali investigazzjonijiet huma rikonoxxuti bħala "*miżuri li għandhom l-għan li jtaffu l-effetti ta' kapaċità żejda*". Fuq din il-bażi, huwa ċar li l-kapaċità żejda hija intrinsikament marbuta mill-qrib mal-importazzjonijiet li jkunu s-suġġett ta' dumping u ta' sussidji. Madankollu, fl-investigazzjoni antidumping u antisussidji, il-kapaċità żejda fis-settur tal-azzar mhijiex eżaminata bħala żvilupp mhux previst peress li dan ir-rekwiżit mhuwiex preżenti f'valutazzjoni li fuqha hija bbażata l-impożizzjoni ta' dawk l-istrumenti ta' rimedju kummerċjali.

(54) F'dak li għandu x'jaqsam mar-rabta bejn l-iżvilupp mhux previst tal-kapaċità żejda tal-azzar u ż-żieda fl-importazzjonijiet, huwa ċar li l-produtturi esportaturi għandhom interess li jimmassimizzaw l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tagħhom. F'sitwazzjonijiet fejn kapaċità żejda tkun disponibbli wara l-forniment tas-suq domestiku tagħhom, huma se jfittxu opportunitajiet kummerċjali oħra fis-swieq tal-esportazzjoni u b'ħekk jiġġeneraw żieda fil-volumi tal-importazzjoni f'dawn is-swieq. Fuq din il-bażi, l-affermazzjonijiet imsemmija hawn fuq jenħtieġ li jiġu miċħuda.

(55) F'dak li jirrigwarda ż-żieda fl-adozzjoni ta' miżuri restrittivi għall-kummerċ, bosta partijiet sostnew li ma setgħux jiġu rikonoxxuti bħala żviluppi mhux previsti peress li huma eċċezzjonijiet rikonoxxuti għar-regoli ġenerali tad-WTO u li l-għadd ta' miżuri ta' strument għad-difiża tal-kummerċ imposti fl-2017 naqas. Huma sostnew ukoll li r-rabta bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet u l-iżvilupp mhux previst ta' miżuri restrittivi tal-kummerċ ma kinitx ġiet stabbilita.

(56) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' affermazzjonijiet bħal dawn peress li l-fatt li jittieħdu azzjonijiet restrittivi għall-kummerċ fi ħdan il-qafas tar-regoli tad-WTO ma jimplikax li ma jistgħux jitqiesu bħala żvilupp mhux previst. Il-Kummissjoni ma tikkontestax id-dritt tal-pajjiżi li jieħdu miżuri antidumping jew antisussidji skont ir-regoli rilevanti tad-WTO. Il-kwistjoni, madankollu, hija l-għadd ikbar u bla preċedent ta' tali miżuri meħuda minn pajjiżi terzi, li ħolqu devjazzjoni tal-kummerċ li wasslet għal żieda fl-importazzjonijiet lejn l-UE. Huwa mfakkar li, fil-premessa (34) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni nnutat li, abbażi tal-istatistika tad-WTO, filwaqt li medja ta' 77 investigazzjonijiet relatati mal-azzar kienu nbdew kull sena matul l-2011-2013, din il-medja żdiedet għal 117 matul l-2015-2016. L-ebda parti ma esprimiet dubji dwar dawn iċ-ċifri li jindikaw żvilupp mhux previst, li wassal għaż-żieda fl-importazzjonijiet stabbilita hawn fuq. Għaldaqstant, l-affermazzjonijiet ta' hawn fuq ġew rifjutati.

([19]) https://www.globaltradealert.org/reports/download/44, p. 11.
([20]) COM(2016) 155 final tas-16 ta' Marzu 2016.

(57) Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti, bosta partijiet interessati sostnew li dawn il-miżuri ma jistgħux jitqiesu bħala żvilupp mhux previst li jikkawża żieda fl-importazzjonijiet billi dawn ġew imposti wara l-perjodu 2013-2017. Partijiet interessati oħra indikaw li anki l-importazzjonijiet li seħħew minn Jannar 2018 sa Marzu 2018 mhumiex affettwati mill-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti.

(58) F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel jiġi nnutat li filwaqt li l-miżuri tal-Istati Uniti fit-Taqsima 232 ġew introdotti b'mod effettiv fit-8 ta' Marzu 2018, l-investigazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tagħhom kienet diġà nbdiet f'April 2017 u r-rapport li abbażi tiegħu ġew deċiżi ġie ppubblikat fil-11 ta' Jannar 2018. Anki jekk, wieħed jista' jargumenta, il-miżuri tal-Istati Uniti tat-Taqsima 232 setgħu ma kkawżaw l-ebda impatt fuq l-importazzjonijiet qabel l-adozzjoni tagħhom, is-sempliċi bidu tal-investigazzjoni mingħajr dubju ħoloq inċertezza fis-suq u kkawża effetti fuq il-flussi tal-kummerċ tal-azzar. Barra minn hekk, kif ġie kkonfermat aktar hawn taħt, mill-adozzjoni tal-miżuri tal-Istati Uniti fit-Taqsima 232, il-Kummissjoni kkunsidrat li kienet diġà qed isseħħ devjazzjoni tal-kummerċ fir-rigward ta' xi kategoriji ta' prodotti.

(59) Ta' min jinnota wkoll, f'dan ir-rigward, li l-miżuri tal-Istati Uniti tat-Taqsima 232 rażżnu ż-żieda fl-importazzjonijiet billi żiedu aktar flussi tal-kummerċ lejn it-tendenza ta' żieda preċedenti prevalenti. Kif irrapportat fit-Tabella 14, l-istatistika disponibbli turi li, bl-eċċezzjoni ta' April 2018, l-importazzjonijiet ta' kull xahar tal-azzar fl-Istati Uniti saru konsistentement aktar baxxi mill-volum korrispondenti tagħhom fl-2017. Dan jikkoinċidi ma' xejra opposta li qed tiżdied fl-importazzjonijiet osservati fl-Unjoni, fejn, kif ġie nnutat fit-Tabella 12, il-volumi tal-importazzjonijiet fix-xahar kienu konsistentement f'livell ogħla minn sena qabel.

(60) Partijiet interessati oħra indikaw li l-impatt tal-miżuri tat-Taqsima 232 għandhom jiġu injorati jew ma għandhomx jiġu stmati żżejjed peress li dawn joperaw soġġetti għal ħafna esklużjonijiet tal-prodott. Fl-istess kuntest, kien allegat li l-esportazzjonijiet Koreani mhumiex kwistjoni, minħabba li l-Korea kisbet biżżejjed volum ta' kwota ta' esportazzjoni mill-amministrazzjoni tal-Istati Uniti.

(61) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-Awstralja biss kienet eżentata inkondizzjonalment mill-miżuri tat-Taqsima 232 u li l-importazzjonijiet tagħha tal-prodotti kkonċernati ammontaw għal madwar 1 % tal-importazzjonijiet totali tal-Istati Uniti fl-2017 ([21]). Pajjiżi oħra bħall-Korea t'Isfel, l-Arġentina u l-Brażil ingħataw kwota mingħajr tariffi iżda ma kinux eżentati mill-miżuri. F'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn il-pajjiżi, ta' min jinnota li numru ogħla ta' kwoti kien stabbilit għal żero u li kwoti numeruži kienu diġà eżawriti għall-allokazzjoni ([22]) Fuq din il-bażi, huwa meqjus li l-kwoti allokati ma jagħtux garanzija li l-kwota allokata tkun biżżejjed biex tipprevjeni d-diverżjoni tal-kummerċ. Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-istatistika disponibbli, jidher li dawn it-tliet pajjiżi rrappreżentaw inqas minn 20 % tat-total tal-importazzjonijiet tal-2017. Għalhekk, l-affermazzjonijiet rilevanti dwar il-kwoti ġew miċħuda.

(62) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa kkonfermat li l-iżviluppi mhux previsti deskritti fil-premessa (49) wasslu u se jkomplu jwasslu għal żieda ċara fl-importazzjonijiet tal-azzar fl-Unjoni.

5. **THEDDIDA TA' DANNU SERJU**

(63) F'konformità mal-approċċ tal-ambitu globali tal-prodott definit f'din l-investigazzjoni, fl-istadju proviżorju, l-analiżi tal-ħsara saret ukoll globalment. Okkażjonalment, ir-Regolament proviżorju wera li l-konklużjonijiet dwar il-ħsara taħt l-analiżi globali ġew ikkorroborati wkoll fil-livell tal-kategorija tal-prodott permezz ta' eżempji.

(64) Bl-istess mod, il-valutazzjoni tad-dannu fl-istadju definittiv saret fuq bażi globali, jiġifieri għall-prodott ikkonċernat taħt valutazzjoni, u b'hekk ġew inklużi s-26 kategorija tal-prodott fejn il-Kummissjoni sabet żieda fl-importazzjonijiet. Madankollu, bħal fl-evoluzzjonijiet tal-importazzjonijiet, il-Kummissjoni ssupplementat l-analiżi tagħha b'valutazzjoni għal kull waħda mit-tliet familji ta' prodotti msemmija fil-premessa (21) hawn fuq.

(65) L-analiżi tal-ħsara ta' hawn taħt hija bbażata fuq it-tweġibiet għall-kwestjonarju ppreżentati mill-industrija tal-Unjoni. Wara li waslet informazzjoni aktar aġġornata u l-verifika tad-*data*, l-indikaturi tad-dannu deskritti fl-istadju proviżorju ġew aġġornati fejn xieraq sabiex jinkludu l-aktar *data* reċenti (2018).

([21]) Sors: Global Trade Atlas
([22]) https://www.cbp.gov/trade/quota/bulletins/qb-18-126-absolute-quota-aluminum-products-argentina-brazil-south-korea

5.1. **Żvilupp globali tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni**

5.1.1. *Konsum, bejgħ deomestiku u ishma tas-suq*

(66) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum tal-Unjoni billi żiedet il-bejgħ fl-Unjoni tal-produtturi tal-Unjoni, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kollha, bl-esklużjoni tal-importazzjonijiet minn membri taż-ŻEE u minn ċerti pajjiżi li magħhom l-Unjoni ffirmat Ftehim ta' Sħubija Ekonomika li huwa attwalment fis-seħħ (ara l-premessa (30) hawn fuq).

(67) Fuq din il-bażi, il-konsum tal-Unjoni, il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni u s-sehem mis-suq korrispondenti żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

Il-konsum, il-bejgħ domestiku u l-ishma tas-suq tal-Unjoni

(000 tunnellata)	2013	2014	2015	2016	2017
Konsum (kollu)	148 455	155 730	160 742	166 375	169 350
indiċi 2013 = 100	*100*	*105*	*108*	*112*	*114*
Bejgħ domestiku (kollu)	129 592	133 285	133 575	136 586	138 636
indiċi 2013 = 100	*100*	*103*	*103*	*105*	*107*
Sehem tas-suq (kollu)	87,3 %	85,6 %	83,1 %	82,1 %	81,9 %

Sors: Data tal-Eurostat u tal-industrija.

(68) Il-konsum ġenerali tas-26 kategorija tal-prodott rilevanti żdiedu b'mod konsistenti matul il-perjodu 2013-2017, b'żieda globali ta' 14 %. Il-volumi tal-bejgħ tal-produtturi tal-industrija tal-Unjoni żdiedu matul dan il-perjodu, iżda sa ċertu punt inqas mill-konsum tal-Unjoni, jiġifieri b'7 % biss. Is-sehem mis-suq globali tal-industrija tal-Unjoni, għalhekk, naqas b'mod konsistenti matul il-perjodu kkunsidrat, b'5,4 punti perċentwali.

5.1.2. *Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità u l-ħażniet*

(69) Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità u l-ħażniet żviluppaw kif ġej:

Tabella 5

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-ħażniet

(000 tunnellata)	2013	2014	2015	2016	2017
Produzzjoni (kollha)	243 945	249 855	248 763	249 204	254 925
indiċi 2013 = 100	*100*	*102*	*102*	*102*	*105*
Kapaċità tal-produzzjoni (kollha)	337 010	334 545	332 427	333 179	335 358
indiċi 2013 = 100	*100*	*99*	*99*	*99*	*100*
Użu ta' kapaċità (kollha)	72 %	75 %	75 %	75 %	76 %
Ħażniet (kollha)	11 883	12 734	13 159	12 974	14 140
indiċi 2013 = 100	*100*	*107*	*111*	*109*	*119*

Sors: Id-data mill-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(70) Il-volum tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat taħt valutazzjoni żdied b'mod ġenerali b'5 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli u, għalhekk, l-użu tal-kapaċità żdied globalment b'4 punti perċentwali matul il-perjodu 2013–2017. L-istokks miżmuma mill-produtturi tal-industrija tal-Unjoni li kkooperaw żdiedu b'mod ġenerali b'19 % matul il-perjodu 2013–2017.

5.1.3. *Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità, il-profittabilità u l-fluss tal-flus*

(71) Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità, il-profittabilità u l-fluss tal-flus żviluppaw kif ġej:

Tabella 6

Il-prezz tal-bejgħ tal-unità, il-profittabilità, il-fluss tal-flus

	2013	2014	2015	2016	2017
Prezz tal-bejgħ għal kull unità (EUR/tunnellata)	693,6	673,4	636,6	591,0	697,7
indiċi 2013 = 100	*100*	*97*	*92*	*85*	*101*
Profittabbiltà (% tal-fatturat)	– 0,9 %	0,8 %	0,6 %	2,1 %	5,6 %
Fluss tal-flus (miljuni ta' EUR)	3 721	4 975	6 461	5 508	6 201
indiċi 2013 = 100	*100*	*134*	*174*	*148*	*167*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(72) Ċifri vverifikati u aġġornati jikkonfermaw ix-xejra stabbilita fir-Regolament proviżorju. Għall-prodotti kollha, kien hemm dipressjoni sinifikanti tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni sal-2016. Il-prezzijiet irkupraw għal-livell tagħhom tal-2013 minn hemm 'il quddiem. B'mod ġenerali, u minkejja tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet, l-industrija tal-Unjoni tista' tnaqqas il-kost tal-produzzjoni tagħha biex tilħaq livell marġinali ta' profitt fl-2016 u żżidha għal livell aktar sostenibbli fl-2017 (5,6 %). Il-pożizzjoni ġenerali tal-fluss tal-flus tal-industrija tal-Unjoni żdiedet b'67 % mill-2013 sal-2017.

5.1.4. *L-impjiegi*

(73) F'termini ta' impjieg, l-industrija tal-Unjoni tilfet 9 208 impjieg mill-2013 sal-2017, murija fit-tabella ta' hawn taħt.

Tabella 7

Impjieg

(EFT)	2013	2014	2015	2016	2017
Impjiegi (kollha)	225 607	220 429	218 010	217 460	216 399
indiċi 2013 = 100	*100*	*98*	*97*	*96*	*96*

Sors: Id-*data* mill-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

5.2. **Analiżi tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni għat-tliet familji ta' prodotti**

5.2.1. *Konsum, bejgħ deomestiku u ishma tas-suq*

(74) Għal kull waħda mit-tliet familji ta' prodotti, il-konsum, il-bejgħ domestiku u l-ishma tas-suq żviluppaw kif ġej:

Tabella 8

Konsum, bejgħ domestiku, sehem mis-suq għal kull familja ta' prodott

(000 tunnellata)	2013	2014	2015	2016	2017
Konsum (ċatt)	87 679	90 729	95 598	98 749	98 124
indiċi 2013 = 100	*100*	*103*	*109*	*113*	*112*

(000 tunnellata)	2013	2014	2015	2016	2017
Konsum (twal)	50 829	53 333	54 160	55 890	57 921
indiċi 2013 = 100	*100*	*105*	*107*	*110*	*114*
Konsum (tubi)	9 947	11 667	10 985	11 735	13 305
indiċi 2013 = 100	*100*	*117*	*110*	*118*	*134*
Bejgħ domestiku (ċatti)	75 212	76 365	77 020	78 274	77 601
indiċi 2013 = 100	*100*	*102*	*102*	*104*	*103*
Bejgħ domestiku (twal)	46 461	47 679	47 757	48 935	51 095
indiċi 2013 = 100	*100*	*103*	*103*	*105*	*110*
Bejgħ domestiku (tubi)	7 920	9 241	8 799	9 377	9 940
indiċi 2013 = 100	*100*	*117*	*111*	*118*	*126*
Sehem tas-suq (ċatti)	86 %	84 %	81 %	79 %	79 %
Sehem tas-suq (twal)	91 %	89 %	88 %	88 %	88 %
Sehem mis-suq (tubi)	80 %	79 %	80 %	80 %	75 %

Sors: Data tal-Eurostat u tal-industrija.

(75) Il-konsum għall-prodotti ċatti laħaq il-quċċata fl-2016, imbagħad naqas marġinalment fl-2017, u dan juri żieda globali ta' 12 %. Il-konsum għal prodotti twal u tubi żdied b'mod konsistenti sal-aħħar tal-2017, li rriżulta rispettivament f'żieda globali ta' 14 % u 34 %.

(76) Il-bejgħ għall-prodotti kollha tal-azzar żdied b'7 % fil-perjodu 2013-2017. Matul l-istess perjodu żieda simili, iżda inqas evidenti miż-żieda fil-konsum, kienet osservata taħt it-tliet familji ta' prodotti: il-bejgħ tal-produtturi tal-industrija tal-Unjoni ta' prodotti ċatti żdied bi 3 %, u l-bejgħ ta' prodotti twal b'10 % u l-bejgħ ta' tubi b'26 %.

(77) Ix-xejra tas-suq globali tal-industrija tal-Unjoni (tnaqqis ta' 5 punti perċentwali) kienet ikkonfermata meta ġew analizzati separatament il-prodotti ċatti (tnaqqis ta' 7 punti perċentwali), il-prodotti twal (tnaqqis ta' 3 punti perċentwali) u t-tubi (tnaqqis ta' 5 punti perċentwali).

5.2.2. *Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità u l-ħażniet*

(78) Għal kull waħda mit-tliet familji ta' prodotti, il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u r-rata tal-użu tal-kapaċità u l-ħażniet żviluppaw kif ġej:

Tabella 9

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-ħażniet għal kull familja ta' prodott

(000 tunnellata)	2013	2014	2015	2016	2017
Produzzjoni (ċatti)	172 873	177 224	176 567	177 247	180 986
indiċi 2013 = 100	*100*	*103*	*102*	*103*	*105*

(000 tunnellata)	2013	2014	2015	2016	2017
Produzzjoni (twal)	59 082	59 535	60 079	59 706	60 572
indiċi 2013 = 100	*100*	*101*	*102*	*101*	*103*
Produzzjoni (tubi)	11 991	13 096	12 116	12 251	13 366
indiċi 2013 = 100	*100*	*109*	*101*	*102*	*111*
Kapaċità tal-produzzjoni (ċatti)	234 615	233 689	230 216	230 921	232 220
indiċi 2013 = 100	*100*	*100*	*98*	*98*	*99*
Kapaċità tal-produzzjoni (twal)	80 833	78 244	79 455	79 736	81 806
indiċi 2013 = 100	*100*	*97*	*98*	*99*	*101*
Kapaċità tal-produzzjoni (tubi)	24 053	25 482	27 721	27 255	24 224
indiċi 2013 = 100	*100*	*106*	*115*	*113*	*101*
Użu tal-kapaċità (ċatti)	74 %	76 %	77 %	77 %	78 %
Użu tal-kapaċità (twal)	73 %	76 %	76 %	75 %	74 %
Użu tal-kapaċità (tubi)	50 %	51 %	44 %	45 %	55 %
Ħażniet (ċatti)	7 573	8 171	8 386	8 098	8 623
indiċi 2013 = 100	*100*	*108*	*111*	*107*	*114*
Ħażniet (twal)	3 449	3 430	3 722	3 740	3 877
indiċi 2013 = 100	*100*	*99*	*108*	*108*	*112*
Ħażniet (tubi)	861	1 132	1 050	1 137	1 639
indiċi 2013 = 100	*100*	*132*	*122*	*132*	*190*

Sors: Id-*data* mill-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(79) Għat-tliet familji ta' prodotti l-iżvilupp tal-produzzjoni kien diverġenti. Il-produzzjoni żdiedet b'5 % għall-prodotti ċatti u bi 3 % għal prodotti twal, u naqset għat-tubi bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat kollu. Fi kwalunkwe każ, il-varjazzjoni fil-produzzjoni tista' titqies bħala pjuttost stabbli.

(80) Il-kapaċità ġenerali tal-produzzjoni baqgħet stabbli. Din it-tendenza ġiet ikkonfermata b'mod konsistenti meta ġiet analizzata kull familja tal-prodott: għall-prodotti ċatti (tnaqqis ta' 1 %), il-prodotti twal (żieda ta' 1 %) u t-tubi (żieda ta' 1 %) fil-perjodu kkunsidrat. L-użu tal-kapaċità żdied b'mod ġenerali minn kull familja ta' prodott (ċattib'żieda ta' 4 punti perċentwali, twal b'żieda ta' 1 punt perċentwali u tubi b'żieda ta' 5 punti perċentwali).

(81) Il-ħażniet għal prodotti ċatti u twal żdiedu għal livell simili matul il-perjodu 2013-2017, filwaqt li, għat-tubi, dawn kważi rduppjaw. Iċ-ċifri vverifikati u aġġornati għaldaqstant jikkonfermaw ix-xejra stabbilita fir-Regolament proviżorju.

5.2.3. *Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità, il-profittabilità u l-fluss tal-flus*

(82) Għal kull waħda mit-tliet familji ta' prodotti, il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità, il-profittabbiltà u l-fluss tal-flus żviluppaw kif ġej:

Tabella 10

Il-prezz tal-bejgħ tal-unità, il-profittabilità, il-fluss tal-flus għal kull familja tal-prodott

(EUR/tunnellata)	2013	2014	2015	2016	2017
Prezz tal-bejgħ għal kull unità (EUR/tunnellata, ċatti)	711,3	689,3	659,8	612,8	744,3
indiċi 2013 = 100	*100*	*97*	*93*	*86*	*105*
Prezz tal-bejgħ għal kull unità (EUR/tunnellata, twal)	607,0	591,3	546,4	509,1	584,4
indiċi 2013 = 100	*100*	*97*	*90*	*84*	*96*
Prezz tal-bejgħ għal kull unità (EUR/tunnellata, tubi)	1 093,9	1 063,5	1 013,9	913,2	949,3
indiċi 2013 = 100	*100*	*97*	*93*	*83*	*87*
Profittabbiltà (% tal-fatturat, ċatti)	– 1,9 %	0,2 %	0,5 %	2,5 %	7,7 %
Profittabbiltà (% tal-fatturat, twal)	0,7 %	2,1 %	1,7 %	2,1 %	3,1 %
Profittabbiltà (% tal-fatturat, tubi)	1,3 %	0,4 %	– 3,4 %	– 1,2 %	– 1,7 %
Fluss tal-flus (miljuni ta' EUR, ċatti)	2 309	3 997	5 209	4 235	5 177
indiċi 2013 = 100	*100*	*173*	*226*	*183*	*224*
Fluss tal-flus (miljuni ta' EUR, twal)	820	1 156	1 534	1 473	1 159
indiċi 2013 = 100	*100*	*141*	*187*	*180*	*141*
Fluss tal-flus (miljuni ta' EUR, tubi)	592	– 178	– 283	– 200	– 135
indiċi 2013 = 100	*100*	*– 30*	*– 48*	*– 34*	*– 23*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(83) Il-prezzijiet tal-bejgħ għall-prodotti ċatti fl-Unjoni naqsu b'14 % sal-2016 u mbagħad irkupraw fl-2017, li telgħu għal livell ogħla minn 2013 (+ 5 %). Il-prezz tal-bejgħ għal kull unità għal prodotti twal u tubi wkoll naqas b'mod sinifikanti sal-2016 (b'16 % u bi 17 % rispettivament) u mbagħad reġa' tela' kemm kemm fl-2017. B'mod ġenerali, il-prezzijiet għal dawn il-prodotti naqsu b'4 % u bi 13 % rispettivament.

(84) Fir-rigward tal-profitabbiltà, (i) l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tikseb livell ta' profitt marġinali għal prodotti ċatti fl-2016 (wara telf u sitwazzjoni fejn ma jkunx hemm telf fis-snin ta' qabel) u żiedet il-profittabilità tagħha għal 7,7 % fl-2017; (ii) il-profittabbiltà għal prodotti twal laħqet 2,1 % fl-2014 u baqgħet madwar l-istess livell sal-2017, meta żdiedet għal 3,1 %; (iii) Il-profittabbiltà tat-tubi naqset b'mod sinifikanti mill-2013 (1,3 %) għal – 3,4 % fl-2015, u baqgħet negattiva fl-2016 u fl-2017 (– 1,2 % u – 1,7 % rispettivament).

(85) Il-pożizzjoni tal-fluss tal-flus għal prodotti ċatti u twal tjiebet (din żdiedet b'124 % għaċ-ċatti u b'mod aktar baxx għal prodotti twal, jiġifieri b'41 % biss), filwaqt li għat-tubi l-fluss tal-flus naqas b'mod sinifikanti, b'130 % fl-2014, u baqa' negattiv sa tmiem l-2017.

5.2.4. *L-impjiegi*

(86) Fir-rigward tal-impjiegi, il-produtturi tal-prodotti ċatti ntlaqtu b'mod partikolari billi tilfu kważi 8 600 impjieg matul dak il-perjodu. F'termini ta' perċentwali, l-aktar sitwazzjoni severa kienet għall-industrija li tipproduċi t-tubi fejn it-telf ta' impjiegi kien jammonta għal 12 % matul il-perjodu kkunsidrat.

Tabella 11

L-impjieg għal kull familja ta' prodotti

(EFT)	2013	2014	2015	2016	2017
Impjiegi (ċatti)	134 720	129 256	127 743	126 300	126 124
indiċi 2013 = 100	*100*	*96*	*95*	*94*	*94*
Impjiegi (twal)	49 545	49 662	51 288	53 946	53 943
indiċi 2013 = 100	*100*	*100*	*104*	*109*	*109*
Impjiegi (tubi)	41 342	41 511	38 978	37 214	36 333
indiċi 2013 = 100	*100*	*100*	*94*	*90*	*88*

Sors: Id-*data* mill-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

5.3. **Il-konklużjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-iżviluppi l-aktar reċenti**

(87) L-analiżi ta' hawn fuq uriet li l-industrija tal-Unjoni — kemm globalment kif ukoll għal kull waħda mit-tliet familji ta' prodotti — kienet f'sitwazzjoni ekonomika diffiċli sal-2016, u rkuprat biss parzjalment fl-2017. L-industrija għalhekk għadha f'pożizzjoni fraġli u vulnerabbli.

(88) F'Settembru 2018, il-Kummissjoni talbet lill-assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni biex jipprovdu *data* ekonomika għall-ewwel semestru tal-2018, sabiex teżamina kif is-sitwazzjoni żviluppat wara l-perjodu ta' investigazzjoni, li kien jikkonsisti fis-snin 2013-2017.

(89) L-informazzjoni miksuba mill-Kummissjoni ma setgħetx tiġi vverifikata. Barra minn hekk, peress li l-Kummissjoni ma kellhiex *data* li tikkorrispondi għall-ewwel semestru tal-2017 (l-informazzjoni ġiet ipprovduta abbażi tas-sena 2017 sħiħa), il-Kummissjoni ma setgħetx tasal għal konklużjoni affidabbli bbażata fuq is-sitwazzjoni tal-industrija matul l-ewwel semestru tal-2018. Madankollu, abbażi ta' din id-*data* tal-2018, ix-xejra tal-2017, jiġifieri rkupru parzjali tal-industrija, tista' tiġi kkonfermata. Madankollu jenħtieġ li jiġi nnutat li — kif indikat fit-Tabella 12 hawn taħt — l-importazzjonijiet fix-xahar lejn l-Unjoni bdew jiżdiedu l-aktar minn Ġunju 2018. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-azzar fl-Unjoni bdew isegwu xejra ta' tnaqqis sa mit-tielet trimestru tal-2018. Għalhekk, mhux possibbli li jiġu osservati l-effetti ta' dawn l-importazzjonijiet u l-iżvilupp tal-prezzijiet fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul l-ewwel semestru tal-2018. Għalhekk, id-*data* reċenti kkonfermat is-sitwazzjoni delikata tal-industrija tal-Unjoni u t-theddida minħabba l-aktar żieda reċenti fl-importazzjonijiet.

5.4. **Theddida ta' dannu serju**

(90) Fir-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ddeterjorat b'mod sinifikanti fil-perjodu 2013-2016 u rkuprat b'mod parzjali fl-2017. Madankollu, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-industrija tal-Unjoni, minkejja t-titjib temporanju, kienet għadha f'sitwazzjoni fraġli u taħt it-theddida ta' dannu serju jekk it-tendenza li qed tiżdied fl-importazzjonijiet kompliet bit-tnaqqis fil-prezzijiet u l-profitabbiltà li rriżulta taħt livelli sostenibbli.

(91) Din il-konstatazzjoni proviżorja tista' tiġi kkonfermata wkoll fl-istadju definittiv fid-dawl tal-analiżi aġġornata tal-iżvilupp tal-indikaturi tal-ħsara msemmija hawn fuq kemm globalment kif ukoll fil-livell tat-tliet familji ta' prodotti (prodotti ċatti, prodotti twal u tubi).

(92) L-indikaturi ta' ħsara aġġornati jinkludu d-*data* ta' tliet kategoriji tal-prodott li qabel kienu ġew eskluzi mill-ambitu fl-istadju proviżorju. Fejn disponibbli, l-aktar *data* reċenti ġiet analizzata u din l-analiżi komprensiva kkonfermat il-konstatazzjonijiet ewlenin li saru fl-istadju proviżorju.

(93) Fl-istadju proviżorju, element kritiku fid-determinazzjoni tat-theddida ta' ħsara kien li ż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet osservata sa mill-2013 mhux se tieqaf iżda se żżid u tilħaq livelli ta' ħsara serji fin-nuqqas ta' azzjoni ta' rimedju. Din it-tendenza mistennija diġà bdiet hekk kif juri l-aktar sett aġġornat ta' *data* (ara t-taqsima 5.6 hawn taħt).

5.5. **Kummenti li waslu wara miżuri proviżorji**

(94) Bosta partijiet interessati sostnew li l-industrija tal-Unjoni mhijiex f'pożizzjoni vulnerabbli jew fraġli, peress li ħafna mill-indikaturi tjiebu matul il-perjodu kkunsidrat, pereżempju fil-fatt kisbet profittabbiltà ta' 6,2 % fl-2017 (kif jissemma fir-Regolament proviżorju) u l-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu bi kważi 20 % bejn l-2016 u l-2017. Issemma wkoll li l-Eurofer innifisha ħabbret li l-prospetti għall-industrija tal-Unjoni huma pożittivi. Bl-istess mod, dawn il-partijiet sostnew ukoll li l-istandard għall-istabbiliment ta' dannu serju huwa għoli ħafna u ferm ogħla mill-istandard tal-ħsara materjali fil-Ftehim Anti-Dumping u l-Ftehim SCM, minħabba li dannu serju għandu jkun imminenti b'mod ċar u f'xifer nett li jseħħ.

(95) Fir-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni kienet f'sitwazzjoni fraġli, u qed tirkupra minn perjodu fejn is-sitwazzjoni tagħha kienet iddeterjorat b'mod sinifikanti. Dan l-irkupru ġie attribwit, fost l-oħrajn, għall-effettività tal-miżuri differenti tad-difiża tal-kummerċ li ġew adottati, b'mod partikolari mill-2016. Peress li l-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi l-eżistenza ta' dannu serju, hija vvalutat it-theddida tiegħu. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni kkonfermat li l-irkupru proviżorju li għaddej jista' jitreġġa' lura malajr jekk kellha sseħħ żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet. Kif stabbilit hawn fuq, żieda ulterjuri bħal din fl-importazzjonijiet x'aktarx kienet se tikber b'riżultat tal-miżuri tal-Istati Uniti fit-Taqsima 232. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-fatt li s-sitwazzjoni għall-industrija tal-Unjoni fl-2017 uriet titjib meta mqabbel mas-snin preċedenti ma waqqafx il-konstatazzjonijiet tal-eżistenza ta' theddida ta' dannu serju. Dawn il-konstatazzjoniet ġew ikkonfermati fl-analiżi ta' hawn fuq u għalhekk l-affermazzjoni qed tiġi miċħuda.

(96) F'dak li għandu x'jaqsam mal-livell ta' profittabilità tal-industrija tal-Unjoni, bosta partijiet interessati sostnew li, f'għadd ta' każijiet ta' difiża tal-kummerċ fis-settur tal-azzar, il-Kummissjoni qieset li profitt minn 3 sa 7 % jista' jitqies adegwat. Għalhekk, profittabbiltà globali ta' 6,2 %, kif stabbilita proviżorjament, għandha tkun biżżejjed biex l-industrija tal-Unjoni tibqa' vijabbli u kompetittiva ħafna.

(97) Kif spjegat fil-premessi (90) sa (93), minkejja l-fatt li fl-2017 il-livelli ta' profittabilità kienu tjiebu b'mod sinifikanti minn snin preċedenti (fejn l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf jew fejn hemm telf), din is-sitwazzjoni tista' titreġġa' lura malajr jekk l-importazzjonijiet ikomplu jiżdiedu (jew jisplodu, b'riżultat *inter alia*, tal-miżuri tal-Istati Uniti fit-Taqsima 232). Fil-fatt, f'sitwazzjoni ta' theddida ta' dannu serju, l-analiżi għandha neċessarjament tinkludi elementi li jħarsu 'l quddiem. F'dan il-kuntest, ir-riskju stabbilit tad-devjazzjoni tal-kummerċ ikun element ewlieni li jaffettwa b'mod negattiv is-sitwazzjoni ekonomika attwali tal-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri ma jiġux adottati. Konsegwentement, il-livelli ta' profittabilità miksuba mill-industrija fl-2017 ma jistgħux jittieħdu waħedhom, u ma jinvalidawx il-konstatazzjoni ta' theddida ta' dannu serju. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

5.6. **Analiżi tad-*data* wara l-2017**

(98) Fil-kuntest ta' theddida ta' analiżi serja ta' ħsara, huwa meħtieġ li jitwettaq eżerċizzju li jħares' il quddiem peress li, għall-perjodu analizzat, is-sitwazzjoni ma tqisitx li hija waħda ta' dannu serju. B'mod partikolari, l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2015/478 u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2015/755, jeħtieġu — f'każijiet ta' theddida ta' dannu — eżami tar-rata ta' żieda tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni u l-probabbiltà li l-kapaċità disponibbli tintuża għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(99) Filwaqt li r-rata ta' żieda fl-esportazzjonijiet kienet diġà eżaminata hawn fuq, il-Kummissjoni wettqet analiżi aktar preċiża tal-probabbiltà ta' aktar esportazzjonijiet ibbażati fuq analiżi tal-aktar *data* reċenti disponibbli, jiġifieri l-perjodu Jannar-Settembru 2018. Dan is-sett ta' *data* aġġornat ippermetta lill-Kummissjoni tikkonferma l-konstatazzjoniet li saru fl-istadju proviżorju, b'mod partikolari fir-rigward tax-xejriet tal-importazzjoni u r-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ.

(100) Kif turi l-istatistika fit-tabelli hawn taħt, ix-xejra 'l fuq fl-importazzjonijiet kompliet u l-ewwel sinjali ta' devjazzjoni tal-kummerċ diġà ġew osservati fix-xhur ta' wara d-dħul fis-seħħ tal-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti, bl-importazzjonijiet lejn l-Istati Uniti jonqsu progressivament u l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni jiżdiedu ([23]). Fil-fehma tal-Kummissjoni, għar-raġunijiet żviluppati hawn taħt, din it-tendenza ta' żieda se ssir aktar evidenti fil-futur jekk ma jiġux adottati miżuri definittivi.

([23]) Il-miżuri tal-Istati Uniti tat-Taqsima 232 daħlu fis-seħħ fl-8 ta' Marzu 2018, u l-Kummissjoni analizzat id-*data* sa Settembru 2018.

5.6.1. *L-iżvilupp tal-importazzjonijiet fl-Unjoni*

(101) Il-perjodu analizzat għall-iżvilupp tal-importazzjonijiet ġie estiż billi żdied l-ewwel semestru tal-2018. Din l-analiżi aġġornata turi li, b'mod ġenerali, l-importazzjonijiet tal-prodott taħt valutazzjoni, fuq bażi annwali, komplew jiżdiedu. Iż-żieda fl-importazzjonijiet fil-perjodu Lulju 2017 – Ġunju 2018 meta mqabbla ma' Jannar 2017 – Diċembru 2017 hija spjegata mil-livell relattivament għoli tal-importazzjonijiet fl-ewwel semestru tal-2018, meta l-volum totali tal-importazzjonijiet tal-prodotti taħt valutazzjoni ammonta għal 17,4 miljun MT meta mqabbel ma' 15,4 miljun MT matul l-ewwel semestru tal-2017 u 14,5 miljun MT matul it-tieni semestru tal-2017. Għalhekk, din id-*data* aktar reċenti tikkonferma l-valutazzjoni tal-Kummissjoni fl-istadju proviżorju li l-importazzjonijiet aktarx li jkomplu jiżdiedu wara l-2017.

(102) Il-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti ġew imposti fl-8 ta' Marzu 2018. Għalhekk, huwa rilevanti li jiġi vvalutat il-volum tal-importazzjonijiet fl-2018 fuq bażi ta' kull xahar, li jitqabblu mal-istess perjodu fis-sena preċedenti (2017). Dak it-tqabbil juri li, għal kull xahar u għal kull xahar fl-2018, il-volumi tal-importazzjoni lejn l-Unjoni fl-2018 kienu ogħla mill-volumi tal-importazzjoni fl-2017. Id-differenzi kienu aktar sostanzjali f'Ġunju u Lulju 2018, ftit xhur wara l-impożizzjoni tal-miżuri tal-Istati Uniti fit-Taqsima 232. F'Awwissu u Settembru 2018, iż-żieda kienet għadha sinifikanti iżda inqas qawwija milli kienet fix-xahrejn ta' qabel, possibbilment fid-dawl tal-miżuri ta' salvagwardja proviżorji imposti fit-18 ta' Lulju 2018.

(103) Iż-żewġ analiżijiet juru xejra ċara ta' żieda kontinwa fl-importazzjonijiet lejn l-Unjoni, u għalhekk jikkonfermaw il-valutazzjoni tal-Kummissjoni fl-istadju proviżorju.

Tabella 12

Importazzjonijiet ta' kull xahar lejn l-Unjoni

UE (000 tunnellata)	Jann	Frar	Marz	April	Mejj	Ġun	Lul	Aww	Sett
Importazzjonijiet 2017 (kollha)	2 737	2 464	2 914	2 648	2 984	2 512	2 315	2 308	2 339
Importazzjonijiet 2018 (kollha)	3 080	2 490	2 934	3 033	2 999	2 940	2 828	2 414	2 587
Żieda 2018 mill-2017	*+ 13 %*	*+ 1 %*	*+ 1 %*	*+ 15 %*	*+ 1 %*	*+ 17 %*	*+ 22 %*	*+ 5 %*	*+ 11 %*

Sors: Eurostat.

5.6.2. *L-iżvilupp ta' importazzjonijiet fl-Istati Uniti tal-Amerka*

(104) Matul is-seduti ta' smigħ imsemmija fil-premessa (10), bosta partijiet interessati sostnew li l-prezzijiet tal-importazzjoni fl-Istati Uniti kienu żdiedu f'daqqa mill-impożizzjoni tal-miżuri tal-Istati Uniti fit-Taqsima 232, għal livell li, minkejja d-dazju ta' 25 %, jippermetti lil dawn il-kumpaniji jagħmlu profitt. Għalhekk, minħabba dik is-sitwazzjoni, ma jkun hemm l-ebda inċentiv biex kwalunkwe bejgħ tagħhom lejn l-Istati Uniti tal-Amerika jiġi indirizzat lejn kwalunkwe suq ieħor bħall-Unjoni. Ġie sostnut ukoll li, b'riżultat ta' dan, il-livell ta' importazzjonijiet fl-Istati Uniti ftit li xejn kien affettwat minn dawk il-miżuri.

(105) Il-Kummissjoni ġabret *data* statistika fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Istati Uniti tal-prodotti taħt valutazzjoni fl-2018 fuq bażi ta' kull xahar:

Tabella 13

Importazzjonijiet ta' kull xahar lejn l-Istati Uniti fl-2018

	Jann	Frar	Marz	April	Mejj	Ġun	Lul	Aww	Sett
Volum tal-importazzjonijiet (kollha) (000 tunnellata)	2 087	1 800	2 218	2 585	2 192	1 666	1 969	1 848	1 689
Indiċi Jannar 2018 = 100)	*100*	*86*	*106*	*124*	*105*	*80*	*94*	*89*	*81*

Sors: Statistika nazzjonali tal-Istati Uniti.

(106) Id-*data* turi li l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti tal-Amerika tas-26 prodott li qed jiġu vvalutati naqsu drastikament, b'mod partikolari minn meta ġew imposti l-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti. F'Settembru 2018, il-livell tal-importazzjonijiet kien 35 % inqas mil-livell tal-importazzjonijiet f'April 2018. B'mod ġenerali, it-tnaqqis fl-importazzjonijiet minn Jannar sa Settembru 2018 kien ta' 19 %.

(107) Għandu jiġi nnutat ukoll li, fl-2018, għadd kbir ta' produtturi tal-Istati Uniti ta' prodotti koperti mill-miżuri tal-Istati Uniti tat-Taqsima 232 ħabbru pjanijiet importanti ta' espansjoni tal-produzzjoni ([24]). Filwaqt li fit-terminu qasir jista' ma jkunx hemm sorsi alternattivi, jew ftit, ħlief l-prodotti importati, jidher ċar li l-industrija tal-Istati Uniti qed tħejji biex tforni lis-suq tal-Istati Uniti fuq skala ferm akbar fuq medda medja ta' żmien, għad-detriment tal-importazzjonijiet. Konsegwentement, is-suq tal-Istati Uniti mhux se jkun jista' jkompli jassorbi żieda fil-produzzjoni domestika u l-istess livell ta' importazzjonijiet bħal qabel. Bħala konsegwenza, il-produtturi esportaturi se jkollhom ifittxu swieq alternattivi u s-suq tal-Unjoni huwa mbagħad, minħabba d-daqs tiegħu, suq sostitut ideali. Ix-xejra ta' żieda fl-importazzjonijiet fl-Unjoni, li hija xprunata f'parti mill-impatt tal-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti, diġà bdiet kif ġie deskritt fil-kapitolu 5.6.1 hawn fuq. Din it-tendenza, għalhekk, se tkun aktar evidenti fil-futur qrib jekk ma tittieħed l-ebda miżura.

(108) Il-Kummissjoni analizzat ukoll il-volum tal-importazzjonijiet fl-Istati Uniti fl-2018 fuq bażi ta' kull xahar meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2017.

(109) It-Tabella 14 tikkonferma x-xejra murija fit-tabella fil-premessa (105) hawn fuq.

Tabella 14

Importazzjonijiet ta' kull xahar lejn l-Istati Uniti

L-Istati Uniti (000 tunnellata)	Jann	Frar	Marz	April	Mejj	Ġun	Lul	Aww	Sett
Importazzjonijiet 2017 (kollha)	2 088	1 893	2 284	2 259	2 345	2 684	2 614	2 220	2 259
Importazzjonijiet 2018 (kollha)	2 087	1 800	2 218	2 585	2 192	1 666	1 969	1 848	1 689
Tnaqqis 2018 mill-2017	*0 %*	*– 5 %*	*– 3 %*	*14 %*	*– 7 %*	*– 38 %*	*– 25 %*	*– 17 %*	*– 25 %*

Sors: Statistika nazzjonali tal-Istati Uniti.

Għalhekk, l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti, irrispettivament mit-tip ta' paragun imwettaq, juru b'mod konsistenti li kien hemm tendenza ċara u kostanti ta' tnaqqis fl-importazzjonijiet fl-Istati Uniti. Dan it-tnaqqis progressiv diġà qed jikkawża u se jkompli jiġġenera devjazzjoni tal-kummerċ li tista' tħaffef ix-xejra ta' żieda fl-importazzjonijiet lejn l-Unjoni.

5.7. **Konklużjoni**

(110) Għaldaqstant, fid-dawl ta' analiżi aġġornata tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, analiżi bir-reqqa tal-kummenti li waslu wara d-divulgazzjoni tal-miżuri provviżorji u matul is-seduti ta' smigħ, kif ukoll analiżi dettaljata tad-*data* statistika l-aktar riċenti, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni ta' theddida ta' dannu serju għall-prodott ikkonċernat, inklużi s-26 kategorija tal-prodott li qed jiġu vvalutati. Il-premessi (58) sa (69) tar-Regolament proviżorju huma għalhekk ikkonfermati.

6. **KAWŻALITÀ**

(111) Fir-Regolament proviżorju, fil-premessi (70) sa (77) il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li kien hemm rabta kawżali bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott taħt valutazzjoni u s-sitwazzjoni vulnerabbli u t-theddida ta' dannu serju lill-industrija tal-Unjoni peress li l-prodotti tal-azzar prodotti mill-produtturi tal-Unjoni huma simili jew jikkompetu direttament mal-prodotti tal-azzar ikkonċernati.

([24]) Kumpanija u data/dati ta' tħabbira/tħabbirijiet, miljun tunnellata short: Big River, 25.4.2018 u 29.6.2018, 3,2; US Steel, 5.3.2018, 2,8; JSW Steel, 26.3.2018 u 21.6.2018, 2,5; Nucor, 10.1.2018, 2.3.2018, 11.5.2018 u 7.9.2018, 2,25; North Star Bluescope, 13.8.2018, 0,7-1,0; Liberty Steel Group, 26.6.2018, 0,75; Republic Steel Group, 12.3.2018 u 19.7.2018, 0,66; Steel Dynamics, 26.6.2018, 0,4. L-espansjoni totali ppjanata tal-kapaċità mħabbra minn din il-lista, li mhijiex eżawrjenti, tar-rapporti tal-istampa fl-2018 (l-aktar stqarrijiet għall-istampa tal-kumpanija) hija ta' 13,5 miljun tunnellata short, li tammonta għal madwar 12-il miljun tunnellata metrika.

6.1. **Kummenti li waslu wara miżuri proviżorji**

(112) Bosta partijiet interessati sostnew li ma kien hemm l-ebda kawżalità bejn żieda fl-importazzjonijiet u l-istat tal-industrija tal-Unjoni, peress li ż-żieda fl-importazzjonijiet matul il-perjodu kkunsidrat kienet marret id f'id ma' żieda fil-profittabbiltà u l-produzzjoni u l-volumi tal-bejgħ.

(113) Bħala punt preliminari, il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li stabbiliet theddida ta' dannu serju jekk l-importazzjonijiet ikomplu jiżdiedu. Ma stabbilixxiex dannu matul l-investigazzjoni minħabba ż-żieda fl-importazzjonijiet matul il-perjodu kkunsidrat.

(114) Fir-rigward tas-sustanza, fir-rigward ta' din l-affermazzjoni, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-industrija tal-Unjoni tabilħaqq kisbet livelli ta' produzzjoni bi profitt matul is-sena 2017, li kienet evidentement ogħla minn dik miksuba fis-snin kollha l-oħra tal-perjodu kkunsidrat, meta kienet qrib ta' punt ta' ekwilibriju biss. Madankollu, b'mod ġenerali, l-akbar żieda fl-importazzjonijiet matul dak il-perjodu kienet bejn l-2014 u l-2015 (ara t-Tabella 2 hawn fuq) u t-tnaqqis parallel fil-profittabilità fl-istess perjodu (tnaqqis minn 0,8 % għal 0,6 %, ara t-Tabella 6 hawn fuq) juri li hemm rabta bla ebda dubju bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet u l-istat tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (45) tar-Regolament provviżorju, il-profittabbiltà miksuba fl-2017 jenħtieġ li titqies bħala temporanja fiċ-ċirkostanzi attwali ta' tendenza ta' importazzjoni li qed tiżdied kontinwament u prezzijiet ta' bejgħ eċċezzjonalment favorevoli fis-suq f'dak il-perjodu. Madankollu, anki livell ta' profitt ta' 5,6 % huwa baxx f'din l-industrija b'kapital intensiv. Huwa, fil-fatt, taħt il-livell minimu ta' profitt immirat, għas-setturi industrijali kollha, fl-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ imwettqa mill-Kummissjoni ([25]). Konsegwentement, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-industrija tal-Unjoni se ssib ruħha f'sitwazzjoni vulnerabbli u kritika jekk l-importazzjonijiet ikomplu jiżdiedu. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni hija miċħuda.

(115) Intqal ukoll minn diversi partijiet interessati li, f'investigazzjonijiet preċedenti ta' antidumping u antisussidji li jikkonċernaw l-istess prodotti, il-Kummissjoni kienet argumentat li kien l-allegat dumping jew sussidjar — u mhux biss żieda fl-importazzjoni — li kienet ikkawżat tnaqqis fil-prezz u d-dannu. Skont dawn il-partijiet interessati, l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping jew issussidjati diġà ġew indirizzati b'suċċess permezz tal-adozzjoni ta' miżuri antidumping u antisussidji li jikkonkludu dawk l-investigazzjonijiet, u għalhekk il-Kummissjoni ma għandhiex targumenta li l-istess dannu kien ikkawżat minn xi ħaġa oħra, jiġifieri żieda fl-importazzjonijiet.

(116) Fir-rigward ta' din l-affermazzjoni, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-miżuri antidumping u antisussidji ma jsegwux l-istess loġika bħal miżuri ta' salvagwardja. Fil-fatt, dawn għandhom objettivi differenti. Biex jissemmew uħud mid-differenzi l-aktar impressjonanti u rilevanti, kemm il-miżuri antidumping kif ukoll dawk antisussidju huma speċifiċi għal ambitu limitat tal-prodott u jindirizzaw il-kwistjoni ta' kompetizzjoni inġusta, permezz ta' dumping jew sussidjar, fir-rigward ta' importazzjonijiet minn ċertu oriġini (pajjiż), filwaqt li bħala regola huma applikati għal ħames snin, bil-possibbiltà li dak il-perjodu jiġi estiż jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. B'kuntrast, il-miżuri ta' salvagwardja jindirizzaw żieda ġenerali fl-importazzjonijiet, mingħajr ebda distinzjoni fin-natura tal-kompetizzjoni jew l-oriġini (jiġifieri mhumiex applikati "*sui generis*" għal tip speċifiku ta' importazzjonijiet) u huma normalment limitati fit-tul ta' żmien. Barra minn hekk, u b'mod aktar speċifiku, il-miżuri antidumping u antisussidji msemmija permezz ta' din l-affermazzjoni jikkonċernaw biss ftit mill-kategoriji ta' prodotti koperti mill-investigazzjoni attwali u biss minn ċerti oriġini. Minkejja dawn il-miżuri, il-Kummissjoni madankollu sabet żieda ġenerali sinifikanti, f'daqqa u qawwija fl-importazzjonijiet u stabbiliet theddida ta' dannu relatata. Għaldaqstant, dik l-affermazzjoni hija miċħuda.

(117) Bosta partijiet interessati sostnew li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet analiżi ta' nonattribuzzjoni biex tindirizza fatturi oħra, li setgħu kkawżaw id-dannu, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp tal-ispiża tal-materja prima, it-tnaqqis fil-prestazzjoni tal-esportazzjoni u l-importazzjonijiet li saru mill-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li, tabilħaqq, fl-istadju proviżorju ma vvalutatx il-fatturi kollha li jistgħu jikkontribwixxu għall-ħsara serja, li l-industrija tal-Unjoni ssofri jekk ma jittieħdu l-ebda miżuri, peress li minħabba ċ-ċirkostanzi kritiċi l-miżuri proviżorji kienu meħtieġa li jiġu adottati u imposti mingħajr dewmien. Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, il-Kummissjoni vvalutat l-impatt ta' dawn it-tliet fatturi fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni u, b'hekk, il-kontribut possibbli tagħhom għat-theddida ta' dannu serju.

(118) Fir-rigward tal-iżvilupp tal-ispejjeż tal-materja prima, bosta partijiet ġeneralment osservaw li l-Kummissjoni għandha tinvestiga dan l-element, filwaqt li parti interessata waħda qalet li s-sitwazzjoni ipotetika tas-suq, b'rabta mal-materja prima irħas madwar id-dinja, ikkawżat id-diffikultajiet "allegati" mill-Kummissjoni.

([25]) L-Artikolu 7 (2c) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat bir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 (ĠU L 143, 7.6.2018, p. 6).

(119) Id-*data* pprovduta mill-industrija tal-Unjoni turi li l-kost tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 15

Il-kost tal-produzzjoni

	2013	2014	2015	2016	2017
Kost tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	700	668	633	579	661
indiċi 2013 = 100	*100*	*95*	*90*	*83*	*94*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

(120) Ix-xejra ta' hawn fuq hija simili għat-tendenza fil-prezzijiet tal-bejgħ, kif deskritt fil-premessa (5.1.3) hawn fuq, bl-eċċezzjoni tal-2017 meta, kif spjegat, il-prezzijiet tal-bejgħ kienu eċċezzjonalment favorevoli meta mqabbla mal-kostijiet, u dan irriżulta fi profitt relattivament għoli (għalkemm xorta taħt il-livell fil-mira tal-profitt). Din ix-xejra ma tiżvela l-ebda rabta partikolari bejn il-kost tal-materja prima u l-iżvilupp tal-profittabilità, jekk il-kost tal-produzzjoni tagħha naqas biss b'mod sinifikanti fis-sena meta l-profitt tal-industrija tal-Unjoni kien naqas bl-aktar mod qawwi meta mqabbel mas-sena ta' qabel, jiġifieri fl-2015 ('l isfel b'25 %). Għalhekk m'hemmx raġuni biex wieħed jikkonkludi li l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-materja prima, jew' il fuq jew 'l isfel, jirrappreżenta theddida ta' ħsara. Għaldaqstant, dik l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(121) Il-partijiet interessati qajmu wkoll l-affermazzjonijiet li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet qed tonqos. Huma bbażaw l-affermazzjonijiet tagħhom fuq dikjarazzjonijiet magħmula minn Eurofer kif ukoll fuq is-suppożizzjoni jew il-probabbiltà li l-esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti u t-Turkija jonqsu fid-dawl tal-miżuri tal-Istati Uniti fit-Taqsima 232 u l-investigazzjoni ta' salvagwardja Torka.

(122) Saret analiżi tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fir-rigward tal-prodott ikkonċernat ibbażata fuq id-*data* tal-Eurostat:

Tabella 16

L-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni

	2013	2014	2015	2016	2017
Volum tal-esportazzjonijiet (000 tunnellati)	31 181	31 599	29 449	27 578	27 603
indiċi 2013 = 100	*100*	*101*	*94*	*88*	*89*
Prezz tal-esportazzjoni (EUR/tunnellata)	962	931	934	850	953
indiċi 2013 = 100	*100*	*97*	*97*	*88*	*99*

Sors: Eurostat.

(123) It-tabella ta' hawn fuq turi żewġ affarijiet. L-ewwel nett, il-volumi esportati mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat huma relattivament żgħar meta mqabbla mal-volumi mibjugħa fis-suq tal-Unjoni — dawn kienu jirrappreżentaw, skont is-sena, għal 17 % – 19 % tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni biss. It-tieni nett, l-iżvilupp tal-prezz tal-esportazzjoni kien pjuttost ċatt matul il-perjodu kkunsidrat, bl-eċċezzjoni tal-2016 meta l-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu kumplessivament ferm aktar baxxi milli fis-snin l-oħra (l-ispiża tal-produzzjoni kienet ukoll baxxa fl-2016). Abbażi tal-volumi tal-bejgħ għall-esportazzjoni, l-iżvilupp ta' dawk il-volumi tul il-perjodu kkunsidrat u l-prezzijiet tal-bejgħ għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni biex tassumi li l-prestazzjoni tal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni hija theddida kbira ta' dannu serju għall-industrija tal-Unjoni.

(124) F'dak li għandu x'jaqsam mar-rwol tal-importazzjonijiet mill-produtturi tal-Unjoni jew il-kummerċjanti/distributuri relatati magħhom, kif deskritt fil-premessa (44) hawn fuq, dawn l-importazzjonijiet kienu marġinali u relattivament stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, li jirrappreżentaw minn 0,3 % sa 0,7 % tat-total tal-importazzjonijiet skont is-sena. Dawn l-importazzjonijiet ma affettwawx ix-xejriet tal-importazzjoni, u għalhekk l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

(125) Bosta partijiet interessati sostnew li l-Kummissjoni ma kinitx ivvalutat il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti importati u l-prodotti domestiċi peress li kienet twarrab il-wisa' u l-eteroġenità ta' kategoriji ta' prodotti differenti koperti mill-investigazzjoni ta' salvagwardja u waslet biss għal konklużjonijiet għall-kategoriji kollha ta' prodotti fl-aggregat. Bl-istess mod, diversi partijiet interessati sostnew li, għal kull waħda mill-kategoriji ta' prodotti, il-Kummissjoni kellha twettaq analiżi tal-kawżalità separata.

(126) Kif spjegat fit-taqsima 2.1, il-Kummissjoni kkunsidrat li, minħabba l-livell għoli ta' interrelazzjoni bejn il-kategoriji ta' prodotti li jiffurmaw il-prodott ikkonċernat, li l-prodott importat u l-prodott tal-Unjoni huma "simili jew f'kompetizzjoni diretta". Ir-rikonoxximent li analiżi globali hija ġġustifikata minħabba l-interrelazzjonijiet b'saħħithom bejn il-kategoriji kollha tal-prodotti soġġetti għall-investigazzjoni jimplika wkoll li l-aktar mod xieraq biex titwettaq l-analiżi tal-kawżalità huwa billi jiġu aggregati t-tliet familji ta' prodotti li ġew distinti f'ċerti partijiet tal-analiżi globali. Fuq din il-bażi, l-affermazzjoni miċħuda.

6.2. **Konklużjoni**

(127) L-analiżi tal-attribuzzjoni kumulattiva tal-fatturi l-oħra fil-premessi (79) u (80) fir-Regolament proviżorju u fit-Taqsima 6.1 ta' hawn fuq uriet li l-fatturi l-oħra, kemm b'mod separat kif ukoll meta jittieħdu flimkien, ma attenwawx ir-rabta kawżali bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet u t-theddida ta' dannu serju lill-industrija tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-premessi minn (70) sa (81) tar-Regolament proviżorju jiġu kkonfermati.

7. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(128) L-għan tal-miżuri ta' salvagwardja huwa li jirrimedjaw jew jipprevjenu dannu serju li jkun seħħ bħala riżultat ta' żieda fl-importazzjonijiet. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament 2015/478, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk jeżistux xi raġunijiet ekonomiċi konvinċenti li jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri.

(129) Għal dan il-għan, l-impatt ta' miżuri possibbli fuq il-produtturi, l-importaturi u l-utenti kollha tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli jekk jittieħdu jew le l-miżuri ġew ikkunsidrati abbażi tal-evidenza disponibbli. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni fasslet mekkaniżmu li jipprevjeni dannu serju milli jseħħ filwaqt li jippermetti l-flussi tradizzjonali tal-kummerċ b'tali mod li jkun kompatibbli mal-funzjonament kompetittiv kontinwu tas-suq tal-azzar.

7.1. **L-interess tal-produtturi tal-Unjoni**

(130) Ġie konkluż b'mod proviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja tkun fl-interess tal-produtturi tal-Unjoni peress li tipprevjeni kwalunkwe dannu serju kkawżat minn żieda ulterjuri u sinifikanti ta' importazzjonijiet. Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand il-produtturi tal-Unjoni li kien qed jikkontradixxi din l-opinjoni. Il-konklużjonijiet proviżorji kienu għalhekk ikkonfermati.

7.2. **L-interess tal-importaturi u l-utenti tal-Unjoni**

(131) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lil importaturi u utenti magħrufa sabiex tevalwa l-interess tagħhom.

(132) Il-Kummissjoni rċeviet 61 tweġiba mingħand importaturi u 70 tweġiba minn utenti minbarra dawk relatati ma' importaturi. L-importaturi u l-utenti taw il-fehmiet tagħhom ukoll kemm verbalment kif ukoll bil-miktub.

(133) Diversi importaturi u utenti tal-Unjoni sostnew li l-impożizzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja ma tkunx fl-interess tal-Unjoni għaliex din iżżid il-prezzijiet tal-importazzjoni u tirrestrinġi l-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni. Huma sostnew ukoll li l-impożizzjoni ta' miżuri tirriżulta f'nuqqas ta' provvista peress li, allegatament, il-produtturi tal-Unjoni mhumiex jipproduċu t-tipi kollha ta' prodotti tal-azzar jew mhux fi kwantitajiet suffiċjenti biex ifornu d-domanda tal-Unjoni. Dan, allegatament, huwa aggravat aktar mill-fatt li d-disponibbiltà ta' xi prodotti fl-Unjoni hija ristretta minħabba li huma soġġetti għal miżuri antidumping jew antisussidji.

(134) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji, diversi utenti u importaturi tal-Unjoni argumentaw li, jekk għandhom jittieħdu miżuri definittivi, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-elementi li ġejjin:

— Livell ta' kwota stabbilit abbażi tal-medja tal-aħħar tliet snin għandu jiżdied b'10 %, kif sar fir-rigward tal-miżuri tal-Unjoni ta' salvagwardja tal-azzar fl-2002, sabiex jakkomoda għaż-żieda probabbli fid-domanda fis-setturi downstream;

— Kwalunkwe kwota jenħtieġ li tkun allokata lil kull pajjiż fornitur speċifiku minflok allokazzjoni "tal-ewwel jinqeda l-ewwel", sabiex jinżammu l-flussi kummerċjali tradizzjonali u jiġi evitat li ċerti pajjiżi forniturі jieħdu vantaġġ mill-pożizzjoni ġeografika jew il-kapaċitajiet ta' esportazzjoni tagħhom biex jimlew b'mod rapidu l-kwota u jeskludu pajjiżi forniturі tradizzjonali oħra;

— Iċ-ċertezza ekonomika jenħtieġ li tiġi żgurata billi tiġi stabbilita sistema ta' kwoti bbażata fuq il-liċenzji. Dan jiżgura l-kontinwità tal-provvista u jiggarantixxi li l-vjeġġi jgħaddu mill-kwota tariffarja bla ħlas hekk malli jitilqu mill-pajjiż esportatur. Alternattivament, ġie sostnut li l-kwota annwali jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq bażi trimestrali sabiex jiġu evitati importazzjonijiet massivi fil-bidu tas-sena, li jkunu ta' detriment għall-utenti li mhumiex f'pożizzjoni li jibnu l-istokkijiet u li jeħtieġ li jiġu fornuti fuq bażi stabbli matul is-sena.

— Xi tipi ta' prodotti jenħtieġ li jkunu soġġetti għal kwoti separati minħabba l-ispeċifiċitajiet tagħhom meta mqabbla ma' tipi ta' prodotti oħra li jaqgħu fl-istess kategorija. Għal dawn il-prodotti, il-kwoti jenħtieġ li jiżdiedu aktar fuq bażi regolari sabiex jirriflettu ż-żieda sinifikanti mistennija fid-domanda fis-suq tal-Unjoni fis-snin li ġejjin.

(135) Il-Kummissjoni eżaminat fid-dettall dawn l-affermazzjonijiet u waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin.

(136) L-ewwel nett, kif diġà ġie stabbilit fir-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni taqbel mal-fatt li l-flussi kummerċjali tradizzjonali jenħtieġ li jinżammu kemm jista' jkun. Abbażi tal-konklużjonijiet ta' hawn fuq tal-eżistenza ta' theddida ta' dannu serju, l-importazzjonijiet biss li jaqbżu dawn il-flussi kummerċjali tradizzjonali jistgħu jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni. B'miżuri ta' salvagwardja stabbiliti taħt il-forma ta' Kwota ta' Rata Tariffarja, il-Kummissjoni tqis li l-kompetizzjoni effettiva bejn l-importazzjonijiet u l-industrija tal-Unjoni se tinżamm, u li r-riskju ta' żidiet ġenerali fil-prezzijiet u ta' kwalunkwe nuqqas huwa improbabbli. Fil-fatt, b'tali forma ta' miżuri, huwa mistenni li l-importazzjonijiet ikomplu f'livelli tradizzjonali li ma jagħmlux ħsara, u l-miżuri ta' salvagwardja japplikaw biss jekk, u meta, il-livell tal-kwota jintlaħaq u t-theddida sseħħ.

(137) Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni sostniet li hija kapaċi timmanifattura t-tipi kollha ta' prodotti tal-azzar. Fi kwalunkwe każ, l-importazzjonijiet se jinżammu — mingħajr miżuri — fil-livelli tradizzjonali tagħhom, u għadhom possibbli 'l fuq mill-kwota, għalkemm soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja.

(138) Fir-rigward tal-eżistenza ta' miżuri antidumping u antisussidji, l-għan tagħhom huwa li jinstab rimedju għall-prattiki kummerċjali inġusti. Filwaqt li dawn il-miżuri jista' tabilħaqq ikollhom impatt fuq il-livell ta' esportazzjonijiet minn xi pajjiżi forniturі, dan ma jaffettwax il-livell ta' importazzjonijiet bi prezzijiet ġusti li kienu jidħlu fis-suq tal-Unjoni fin-nuqqas ta' dumping dannuż jew prattiki ta' sussidjar. Din il-kwistjoni, u b'mod partikolari l-kumulazzjoni ta' salvagwardja ma' miżuri antidumping jew antisussidji, hija kkunsidrata fil-premessa (186).

(139) Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, l-affermazzjonijiet magħmula mill-partijiet kif deskritt fil-qosor fil-premessa (133) huma b'dan miċħuda.

(140) Fir-rigward l-affermazzjonijiet li jikkonċernaw il-forma u l-livell ta' miżuri, il-Kummissjoni kkunsidrat l-elementi li ġejjin.

Livell tal-kwota tar-rata tariffarja

(141) Filwaqt li l-utenti u l-importaturi jqisu li kwalunkwe kwota tar-rata tariffarja jenħtieġ li tiġi stabbilita f'livell ta' 10 % aktar mill-importazzjonijiet medji f'dawn l-aħħar tliet snin peress li l-konsum tal-azzar tal-Unjoni f'ċerti kategoriji ta' prodotti x'aktarx li jesperjenza rati ta' tkabbir b'żewġ ċifri, il-produtturi tal-Unjoni saħqu li l-konsum tal-azzar tal-Unjoni se jibqa' relattivament fiss fis-snin li ġejjin.

(142) Skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament 2015/478, kwalunkwe kwota jenħtieġ li, fil-prinċipju, tiġi stabbilita fil-livell medju tal-importazzjonijiet matul l-aħħar tliet snin rappreżentattivi. Din id-dispożizzjoni, madankollu, tapplika f'każ li l-miżuri jieħdu l-forma ta' kwota. Kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza rilevanti ([26]), kwota tar-rata tariffarja mhijiex restrizzjoni kwantitattiva taħt il-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji, u għalhekk, il-Kummissjoni mhijiex bħala tali marbuta li tistabbilixxi l-livell tal-kwota tar-rata tariffarja f'dan il-każ partikolari f'livell li jikkorrispondi b'mod strett għall-importazzjonijiet medji matul l-aħħar tliet snin.

(143) Fid-dawl tat-talbiet imqajma fil-premessa (141) hawn fuq, u f'konformità mad-diskrezzjoni ekonomika, politika u legali kbira mogħtija lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2015/478 u 13 tar-Regolament (UE) 2015/755, il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li jiġi modulat il-livell tal-kwota tar-rata tariffarja 'l fuq mil-livell medju ta' importazzjoni għal dawn l-aħħar tliet snin biex jitqiesu l-interessi li jikkompetu bejniethom bejn l-utenti u l-importaturi, fuq naħa waħda, u l-industrija tal-Unjoni, fuq in-naħa l-oħra. F'dan ir-rigward, kif muri fil-premessa (32), il-Kummissjoni tinnota li l-importazzjonijiet tal-kategoriji ta' prodotti kkonċernati żdiedu b'4 %

([26]) Rapport tal-Korp tal-Appell tad-WTO, *US- Line Pipe*, WT/DS202, para. 235.

mill-2017 sal-MRP mingħajr ma kkawżaw dannu serju. Il-prospettiva għal rata ta' tkabbir tal-importazzjoni fil-futur, għalkemm aktar fissa, taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, flimkien mal-interessi ekonomiċi u politiċi tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi, għalhekk tiġġustifika l-impożizzjoni ta' livell kwantitattiv tal-kwota tariffarja eżattament fuq iż-żieda medja fil-livell tal-importazzjoni matul il-perjodu 2017 sal-MRP biex tiġi ddeterminata l-kwota tar-rata tariffarja allokata.

(144) Abbażi ta' dan, u sabiex iż-żieda tal-importazzjonijiet tiġi limitata għal livell li x'aktarx ma jikkawżax dannu serju lill-industrija tal-Unjoni filwaqt li, fl-istess ħin, jiġi żgurat li jinżammu l-flussi kummerċjali tradizzjonali u li l-industrija eżistenti tal-utenti u tal-importazzjoni tiġi appoġġjata b'mod suffiċjenti, il-Kummissjoni tqis li l-livell kwantitattiv tal-kwota tariffarja jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-importazzjonijiet medji fil-perjodu 2015-2017 flimkien ma' 5 %.

Allokazzjoni tal-kwoti tar-rati tariffarji

(145) Kważi l-partijiet interessati kollha, inkluża l-industrija tal-Unjoni, argumentaw favur allokazzjoni ta' kwoti tar-rati tariffarji lil pajjiżi fornituri speċifiċi minflok sistema ta' kwoti globali kif stabbilit fl-istadju proviżorju.

(146) Il-Kummissjoni taqbel li sistema ta' kwota tar-rata tariffarja speċifika għall-pajjiż hija tabilħaqq l-aktar sistema xierqa biex jiġu żgurati l-flussi kummerċjali tradizzjonali. Madankollu din għandha xi limitazzjonijiet. L-ewwel, in-numru ta' pajjiżi fornituri huwa sinifikanti għal kull kategorija ta' prodott. Ma jkunx raġonevolment prattikabbli li tiġi allokata kwota tar-rata tariffarja għal kull wieħed minnhom. It-tieni, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ, għal allokazzjoni adegwata tal-kwota tariffarja, li tqis fatturi speċjali li jaffettwaw il-kummerċ tal-prodotti kkonċernati. Tabilħaqq, għal għadd ta' prodotti li jaqgħu fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni, l-Unjoni reċentement imponiet miżuri ta' dazju antidumping/kumpensatorju fuq ċerti pajjiżi esportaturi. Dan spiss irriżulta fi tnaqqis sinifikanti ta' importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi fl-aktar sena riċenti, u se jkompli jagħmel dan matul il-perjodu ta' impożizzjoni ta' dawn il-miżuri. Kwota tar-rata tariffarja speċifika għall-pajjiż għal dawn il-pajjiżi għalhekk x'aktarx li tintuża biss marġinalment peress li l-livell tal-kwota tar-rata tariffarja huwa bbażat fuq il-livell medju tal-importazzjonijiet fis-snin 2015-2017, jiġifieri inkluż perjodu meta l-miżuri antidumping/dazju kompensatorju ma kinux għadhom fis-seħħ u l-livell tal-importazzjoni kien sinifikanti minħabba prattiki kummerċjali inġusti. Għalhekk, ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li tiġi allokata kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż f'dawn iċ-ċirkostanzi peress li l-livell tal-importazzjonijiet futuri inevitabbilment ikun taħt il-livelli kummerċjali tradizzjonali tagħhom.

(147) Il-Kummissjoni kkonkludiet li, minħabba ċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, approċċ imħallat ikun l-aktar wieħed xieraq. L-ewwel nett, kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż jenħtieġ li tiġi allokata lil pajjiżi li jkollhom interess sinifikanti fil-forniment, abbażi tal-importazzjonijiet tagħhom matul l-aħħar 3 snin. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, huwa meqjus li l-pajjiżi b'sehem ta' aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet għall-kategorija tal-prodott ikkonċernat għandhom interess sinifikanti fil-forniment. Kwota globali tar-rata tariffarja ("il-kwota residwa") ibbażata fuq il-medja tal-importazzjonijiet li jifdal matul l-aħħar tliet snin jenħtieġ li tiġi allokata lill-pajjiżi fornituri l-oħra kollha.

(148) Madankollu, kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż ma jenħtieġx li tiġi allokata lil dawk il-pajjiżi li l-livell ta' esportazzjoni tagħhom — għal kull kategorija tal-prodott kkonċernati — naqas sostanzjalment fil-passat reċenti minħabba l-miżuri ta' dazju antidumping/kompensatorju fis-seħħ għar-raġunijiet ta' hawn fuq. Dawn il-pajjiżi jenħtieġ li jaqgħu fi ħdan il-kwota tariffarja residwa.

(149) Fil-każ speċifiku tal-kategorija tal-prodott 1 (kojls illaminati bis-sħana), peress li kważi 60 % tal-importazzjonijiet huma attwalment koperti minn miżuri antidumping, il-Kummissjoni tqis li kwota globali u l-ebda allokazzjoni speċifika għal kull pajjiż huma l-aktar xierqa.

(150) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li huwa wkoll fl-interess tal-Unjoni li meta pajjiż fornitur ikun eżawrixxa l-kwota tariffarja speċifika tiegħu, jenħtieġ li jitħalla jkollu aċċess għall-kwota tar-rata tariffarja residwa. Madankollu, din il-possibbiltà jenħtieġ li tiġi applikata biss matul l-aħħar kwart tal-perjodu, sabiex jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi tal-pajjiżi mogħtija kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż u l-pajjiżi li jużaw il-kwota tar-rata tariffarja globali. Dan mhux biss jiżgura ż-żamma tal-flussi kummerċjali tradizzjonali iżda jevita wkoll li, kif jista' jkun il-każ, partijiet mill-kwota tariffarja residwa jibqgħu ma jintużawx.

Prevedibbiltà tal-kwota tar-rata tariffarja matul iż-żmien

(151) Il-Kummissjoni tqis li l-introduzzjoni ta' sistema ta' liċenzjar mhijiex meħtieġa biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà.

(152) L-ewwel nett, id-*data* dwar l-iżvilupp tal-importazzjonijiet skont il-kwota tar-rata tariffarja u l-użu ħieles tal-kwota ta' dazju jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku u tiġi aġġornata kuljum. Id-*data* dwar l-użu tal-kwota tar-rata tariffarja tinstab f'dan l-indirizz web:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/taric/quota_consultation.jsp

(153) Barra minn hekk, allokazzjoni speċifika għall-pajjiż jenħtieġ li tiżgura wkoll livell addizzjonali ta' prevedibbiltà għall-forniturі u l-utenti tradizzjonali. Barra minn hekk, meta tiġi eżawrita kwota tariffarja speċifika għall-pajjiż, il-pajjiż inkwistjoni jkun f'pożizzjoni li jesporta permezz tal-kwota residwa disponibbli, għalkemm matul l-aħħar kwart tal-perjodu biss, li huwa l-aktar perjodu kritiku f'termini ta' disponibbiltà tal-kwota.

(154) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li l-kwota tar-rata tariffarja residwa jenħtieġ li tiġi diviża kull tliet xhur sabiex jiġi żgurat li l-importazzjonijiet jiġu distribwiti b'mod ugwali matul is-sena u tipprevjeni li jiġu maħżuna importazzjonijiet sinifikanti ta' prodotti standard fil-bidu tal-perjodu sabiex jiġu evitati dazji possibbli. L-allokazzjonijiet tar-rata tariffarja trimestrali mhux użati wkoll jiġu ttrasferiti awtomatikament għall-perjodu li jmiss.

Klassifikazzjoni tal-prodott

(155) Il-Kummissjoni eżaminat it-talbiet magħmula mill-utenti u mill-importaturi biex joħolqu subkategoriji speċifiċi għall-prodotti tagħhom. B'mod partikolari, il-Kummissjoni sabet li żewġ kategoriji ta' prodotti, jiġifieri l-kategorija 3 u 4, jippreżentaw karatteristiċi distinti li għalihom id-dikjarazzjonijiet huma aċċettabbli.

(156) Kategorija 4 — folji reżistenti għall-korrużjoni — tinkludi kemm prodotti manifatturati speċifikament għall-industrija tal-karozzi, ibbażati fuq speċifikazzjonijiet preċiżi tal-prodott u suġġetti għal kuntratti fit-tul, u prodotti standard oħra. Għall-prodotti ta' qabel, il-forniturі l-ewwel iridu jiksbu ċertifikazzjoni meħtieġa biex ifornu lill-industrija fuq perjodu ta' żmien twil, abbażi ta' sistema eżatt fil-ħin (just-in-time). Għal din il-kategorija tal-prodott, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li hemm riskju li xi tipi ta' prodotti speċifiċi jiġu esklużi mill-kwota bla dazju minn prodotti standard li jistgħu jiġu fornuti b'mod massiv u maħżuna fil-bidu tas-sena.

(157) Barra minn hekk, it-tipi standard ta' prodotti taħt din il-kategorija tal-prodott huma attwalment soġġetti għal dazji antidumping, li dan ukoll għandu impatt fuq żviluppi futuri tal-importazzjoni kif ukoll tal-llokazzjoni ta' kwoti, abbażi ta' dak li huwa spjegat hawn fuq. Il-fatt li dawn il-prodotti aktar speċjalizzati ma kinux koperti fit-talba tal-industrija għal miżuri antidumping huwa wkoll indikazzjoni li dawn il-prodotti jenħtieġ li jiġu kkunsidrati separatament mit-tipi standard ta' prodotti.

(158) Sa fejn għandha x'taqsam il-kategorija 3 — folji elettriċi — l-industrija tal-utent rilevanti stqarret ukoll li xi prodotti speċjalizzati, jiġifieri folji elettriċi mhux bil-vina orjentata ([27]), għandhom ikunu separati minn prodotti oħra f'din il-kategorija. Din l-affermazzjoni hija bbażata fuq il-fatt li dawn it-tipi ta' prodotti huma strateġiċi għall-ekonomija tal-Unjoni, peress li jintużaw fis-setturi l-ġodda tal-enerġija/mobilità (eż. vetturi tal-enerġija ġodda, turbini tar-riħ). L-utenti u l-importaturi jsostnu li dawn il-prodotti huma prodotti ta' valur għoli, speċjali, bir-riskju li jiġu eskluż b'prodotti standard inklużi fl-istess kategorija ta' prodott. Barra minn hekk, l-utenti affermaw ukoll li d-domanda tal-Unjoni x'aktarx li tiżdied b'mod sinifikanti fil-futur qrib u li l-kwota speċifika jenħtieġ li tiżdied fil-futur. Anki jekk dan tal-aħħar ma setax jiġi sostnut kif xieraq minn kwalunkwe evidenza, kwota separata għal dawn il-prodotti tippermetti li jiġu eżaminati aktar talbiet sostanzjati kif xieraq fil-futur.

(159) Il-Kummissjoni tqis ukoll li, mingħajr ma jiġi mminat l-effett ta' rimedju tal-miżura, huwa possibbli li jinħolqu subsettijiet ta' prodotti fi ħdan dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti eżistenti, li għalhekk jiġu allokati l-kwota tagħhom stess.

(160) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni aċċettat it-talbiet biex taqsam il-kategorija tal-prodott 4 (folji metalliċi miksija) u l-kategorija tal-prodott 3 (folji elettriċi (minbarra l-GOES)) f'żewġ sottokategoriji.

Klawżola ta' rieżami

(161) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li, abbażi tal-interess tal-Unjoni, jista' jkollha taġġusta l-livell jew l-allokazzjoni tal-kwota tariffarja kif stabbilit fl-Annessi IV.1 u IV.2 f'każ ta' bidliet fiċ-ċirkostanzi matul il-perjodu tal-impożizzjoni tal-miżuri. Rieżami bħal dan jista' jikkonċerna kwalunkwe kategorija ta' prodott soġġetta għal miżuri, inkluż (iżda mhux limitat) għall-kategoriji tal-prodott 3, 4, 6 u 16 li kienu soġġetti għal sottomissjonijiet dettaljati u sostanzjati matul l-investigazzjoni kif ukoll fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet bilaterali li saru mill-Kummissjoni. Iċ-ċirkustanzi mibdula jistgħu, pereżempju, jimmaterjalizzaw fil-każ ta' żieda ġenerali fid-domanda tal-Unjoni għal xi kategoriji ta' prodotti li jkunu jeħtieġu rivalutazzjoni tal-livell tal-kwota tar-rata tariffarja, l-impożizzjoni ta' miżuri antidumping jew antisussidji li jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-iżviluppi tal-importazzjoni fil-ġejjieni, jew saħansitra kwalunkwe żvilupp li jikkonċerna t-Taqsima 232 tal-Istati Uniti li jista' jkollu impatt dirett fuq il-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni, jiġifieri f'termini ta' devjazzjoni tal-kummerċ. Il-Kummissjoni tista' teżamina wkoll jekk l-operat tal-miżuri jistax ikollu effetti detrimentali biex jinkisbu l-objettivi

([27]) Kodiċijiet NM 7225 19 90, 7226 19 80.

ta' integrazzjoni segwiti mis-sħab kummerċjali preferenzjali, bħal pereżempju r-riskju tal-istabbilizzazzjoni jew tal-iżvilupp ekonomiku tagħhom. Il-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni tas-sitwazzjoni fuq bażi regolari, u tikkunsidra rieżami tal-anqas fl-aħħar ta' kull sena ta' impożizzjoni ta' miżuri. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tibda l-ewwel investigazzjoni ta' rieżami mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2019.

7.3. **Konklużjoni dwar l-Interess tal-Unjoni**

(162) Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, u eżami bir-reqqa tal-interessi varji involuti, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-interess tal-Unjoni jeħtieġ l-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja definittivi taħt il-forma ta' kwota tariffarja, sabiex jiġi evitat aktar deterjorament fis-sitwazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni.

8. **KUNSIDERAZZJONIJIET FINALI**

(163) Ġie konkluż li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni ta' theddida ta' dannu serju għal 26 kategorija tal-prodott u li s-sitwazzjoni x'aktarx li tiżviluppa f'dannu serju reali fil-futur prevedibbli, fin-nuqqas ta' miżuri ta' salvagwardja. Ġie konkluż ukoll li jkun fl-interess tal-Unjoni li jiġu adottati miżuri xierqa biex tiġi evitata żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet.

8.1. **Il-forma u l-livell tal-miżuri**

(164) Fl-istadju proviżorju, il-Kummissjoni sabet li miżura fil-forma ta' kwota tar-rata tariffarja kienet l-aħjar mod biex jiġu rrikonċiljati l-interessi tal-produtturi u l-utenti tal-azzar tal-Unjoni. Din il-formola, jekk tkun sintonata kif xieraq, tippermetti li żżid temporanjament iż-żieda tal-importazzjonijiet għal livell mhux ta' ħsara għall-industrija tal-azzar tal-Unjoni, filwaqt li żżomm għażla xierqa ta' sorsi ta' provvista disponibbli għall-klijenti tagħha b'mod li jkun kompatibbli ma' funzjonament kompetittiv kontinwu tas-suq tal-azzar.

(165) Abbażi tal-analiżi tal-interess tal-Unjoni msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li kwota tar-rata tariffarja hija tabilħaqq l-aħjar forma ta' miżura biex jiġu bbilanċjati d-diversi interessi involuti, jiġifieri l-prevenzjoni ta' dannu serju u l-iżgurar li jinżammu l-flussi kummerċjali tradizzjonali.

(166) Fil-kummenti li waslu għand il-Kummissjoni wara l-miżuri proviżorji, għalkemm il-maġġoranza tal-utenti tal-azzar ikkontestaw l-adozzjoni tagħhom, huma pprovdew ukoll suġġerimenti utli biex jimmodulawhom u jimminimizzaw l-impatti negattivi tagħhom fuq is-suq.

(167) Fost il-kummenti li waslu, ftit ħafna kienu jikkonċernaw il-mikro simulazzjonijiet u l-mudell makro ppreżentat mill-Kummissjoni biex tiġi ċċekkjata l-proporzjonalità tal-livell tariffarju barra mill-kwota.

(168) Fir-rigward tal-mudell makro, assoċjazzjoni ta' esportaturi f'pajjiż terz ikkritikat li l-elastiċitajiet użati fis-sett globali ta' kategoriji ta' prodotti huma differenti minn dawk użati f'ċerti studji aktar diżaggregati ta' kategoriji speċifiċi ta' prodotti tal-azzar; madankollu dawn il-partijiet ma pproponew l-ebda livell alternattiv għall-kalkolu globali. L-istess assoċjazzjoni ddikjarat ukoll li l-Kummissjoni injorat iż-żieda sinifikanti fil-livelli tal-prezzijiet fis-suq tal-Istati Uniti, li jkompli jattira l-importazzjonijiet minkejja l-miżuri tat-Taqsima 232. Fir-rigward tal-mikrosimulazzjonijiet, assoċjazzjoni tal-utenti tal-Unjoni u diversi esportaturi sostnew li l-valutazzjoni komparattiva tal-kontribuzzjonijiet tal-marġni kienet saret biss fir-rigward ta' numru limitat ta' kategoriji ta' prodotti, filwaqt li l-miżuri koprew sett akbar; huma kkritikaw ukoll li l-kalkoli kienu allegatament ibbażati fuq l-ispejjeż tal-produtturi Ċiniżi li ma setgħux jitqiesu bħala rappreżentattivi tas-sorsi ta' importazzjoni kollha. Bosta esportaturi ddikjaraw li l-Kummissjoni ma spjegatx biżżejjed l-użu tal-mudelli msemmija hawn fuq u li l-iffissar ta' tariffa ta' 25 % 'il barra mill-kwota abbażi ta' dik il-bażi hija arbitrarja.

(169) Il-Kummissjoni tqis li kemm is-simulazzjonijiet mikro kif ukoll il-mudell makro huma stillazzjonijiet tar-realtà iżda, għall-kuntrarju ta' xi kummenti, dawn huma mezzi li jippermettu diskussjoni teknika ta' xenarji alternattivi biex jagħmlu deċiżjoni ta' politika msejsa fuq il-fatti milli fuq ġudizzji arbitrarji.

(170) Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li t-tariffa ta' 25 'il barra mill-kwota stabbilita mill-Kummissjoni fl-istadju tal-miżuri provviżorji, għandha l-ħsieb li tittratta żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet tal-azzar fl-Unjoni, li fl-aktar perjodu reċenti taqa bħala riżultat tat-tariffa globali ta' 25 % li l-Istati Uniti imponew fuq l-importazzjonijiet tal-azzar (b'għadd limitat ta' eċċezzjonijiet tal-oriġini soġġetti għal kwoti restrittivi ħafna) u t-tariffa ta' 50 % fuq l-importazzjonijiet Torok. L-għan speċifiku maħsub mill-Istati Uniti permezz tal-miżuri tagħhom huwa li jintlaħaq l-għan tal-politika industrijali li artifiċjalment jitnaqqas il-livell ta' importazzjonijiet tal-azzar bi 13,3 miljun tunnellata metrika, li min-naħa tagħhom se jippermettu li l-industrija tal-azzar tal-Istati Uniti topera b'rata tal-użu tal-kapaċità ta' 80 %.

(171) Għall-kuntrarju tal-fehmiet ta' xi ftit partijiet interessati, huwa f'dan l-isfond li rata tariffarja mill-Unjoni ta' livell mhux ta' kwota ta' 25 % mhijiex arbitrarja iżda tidher li hija miżura proporzjonata b'mod sħiħ u perfettament konsistenti mal-għan li jitħares is-suq tal-azzar tal-Unjoni kontra żieda qawwija fl-importazzjonijiet, li fil-perjodu reċenti joriġina fil-parti l-kbira fid-devjazzjoni tal-kummerċ li l-miżuri protezzjonisti tal-Istati Uniti qed jipproduċu. Fil-fatt, esportaturi tal-azzar madwar id-dinja kkonfrontati b'tariffa ta' 25 % ta' 50 % jew bi kwoti restrittivi fl-Istati Uniti jistgħu jidderieġu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni 'l fuq mil-livell tal-bejgħ tradizzjonali tagħhom u jagħmlu ħsara lill-industrija tal-azzar tal-Unjoni jekk ma jkunx hemm xkiel biżżejjed ta' tfixkil fl-Unjoni meta l-importazzjonijiet jibdew jaqbżu l-livelli tradizzjonali tagħhom.

(172) Huwa importanti li jiġi enfasizzat hawnhekk għal darb' oħra li, filwaqt li t-tariffi skont it-Taqsima 232 il-miżuri huma imposti mill-ewwel importazzjoni u għalhekk jgħawġu b'mod serju l-influssi kummerċjali ta' importazzjoni 'l isfel, il-kwota tar-rata tariffarja tal-Unjoni tippermetti d-dħul kontinwat ta' importazzjonijiet mill-oriġini kollha mingħajr ostakoli addizzjonali u tipproduċi biss effetti jekk jinqabżu l-limiti ta' kwota rilevanti li jirrappreżentaw il-fluss tradizzjonali ta' importazzjonijiet minn kull oriġini, b'mod partikolari minħabba d-devjazzjoni tal-kummerċ prodotta mill-miżuri tal-Istati Uniti.

(173) F'dawn iċ-ċirkostanzi, sakemm l-Unjoni ma timponix tariffa ta' kwota ta' hawn fuq fuq l-importazzjonijiet tal-azzar rilevanti ta' ammont li jkun tal-anqas ugwali għat-tariffa applikata mill-Istati Uniti, l-esportatur lejn l-Istati Uniti se jikseb marġini addizzjonali jew jimminimizza t-telf tiegħu billi jidderieġi mill-ġdid il-bejgħ lejn l-UE fir-rigward tal-bilanċ tal-bejgħ *ex ante* qabel ma jiġu imposti t-tariffi tal-Istati Uniti. Din l-analiżi tindika li l-livell inferjuri tat-tariffa barra mill-kwota li kapaċi jiżgura protezzjoni minima tal-Unjoni kontra d-devjazzjoni tal-kummerċ għandu tal-anqas ikun 25 %. Madankollu, dan il-livell mhux se jwaqqaf id-devjazzjoni tal-kummerċ. Peress li l-prezzijiet tal-importazzjoni qed jiġu mbuttati 'l fuq fl-Istati Uniti permezz ta' miżuri protezzjonisti, proporzjon importanti tal-produzzjoni tal-azzar tal-Istati Uniti li qabel ma kienx ekonomiku ssir profittabbli, spostat l-importazzjonijiet u tiddevja l-kummerċ lejn swieq oħra, peress li hija l-Unjoni l-aktar destinazzjoni alternattiva attraenti.

(174) F'dan il-kuntest, is-simulazzjonijiet mikro ekonomiċi tal-kontribuzzjoni għall-marġni tal-importazzjonijiet tal-Unjoni li nħattu l-art proposti mill-industrija tal-Unjoni u ppreżentati fi stadju proviżorju mill-Kummissjoni huma essenzjali biex tiġi diskussa l-imġiba kummerċjali ta' esportatur li qed jiffaċċja l-għażla msemmija hawn fuq tal-bejgħ fis-suq tal-Istati Uniti wara l-pagament tat-tariffi tat-Taqsima 232 jew inkella jesporta b'mod inkrimentali lejn l-Unjoni lil hinn mill-bejgħ tradizzjonali tagħha biex jiġi evitat tali pagament.

(175) Għall-kuntrarju tal-kummenti li saru minn xi partijiet, is-suppożizzjonijiet li saru fis-simulazzjonijiet huma realistiċi u konservattivi. Dawn mhumiex ibbażati prinċipalment fuq il-kostijiet Ċiniżi. L-aktar komponent importanti tal-ispejjeż użati fis-simulazzjoni huwa basket ta' materja prima ivvalutat bi prezzijiet internazzjonali. Il-parametri referenzjarji Ċiniżi jintużaw biss għal proporzjon relattivament aktar baxx tal-kostijiet varjabbli anċillari apparti l-materja prima, minħabba li ċ-Ċina hija waħda mill-esportaturi l-aktar prominenti fost il-kategoriji tal-prodotti. Fl-aħħar nett, l-għażla tal-ispejjeż tal-ġarr tal-merkanzija miċ-Ċina lejn l-Unjoni biex jiġi kkalkulat il-kost żbarkat hija suppożizzjoni konservattiva ħafna fil-kalkolu, peress li jekk jintużaw inqas spejjeż tat-trasport ta' oriġini oħra possibbli, il-marġini ta' kontribuzzjoni jkun ogħla.

(176) Dawn is-simulazzjonijiet jippermettu li jiġi kkalkulat il-livell attwali tat-tariffa lil hinn mill-kwota li jkun kapaċi jiskoraġġixxi d-devjazzjoni tal-kummerċ. Kif spjegat fir-regolament tal-miżuri provviżorji, dawn is-simulazzjonijiet juru li l-kontribuzzjoni għall-marġni tal-bejgħ għal esportatur tal-azzar lejn l-Unjoni f'varjetà kbira tal-kategoriji tal-prodotti tal-azzar l-aktar rappreżentattivi taħt investigazzjoni hija aktar minn 30 % b'medjan ta' 34 %. Biss it-tariffi 'l fuq mill-kwota f'dawn il-livelli jkunu jistgħu jikkumpensaw kompletament il-kontribuzzjoni għall-marġni tal-importazzjonijiet rilevanti tal-azzar fis-suq tal-Unjoni u dan il-mod jineħħa l-inċentiv għal esportatur lejn l-Istati Uniti biex jidderieġi mill-ġdid il-bejgħ devjat lejn is-suq tal-Unjoni, għax b'din it-tariffa ma jibgħux ekonomiċi.

(177) F'dan l-isfond, l-Unjoni għażlet li tadotta l-inqas tfixkil fil-livell tat-tariffa tal-kwota ta' 25 %, li huwa fin-naħa ta' isfel fost il-firxa ta' għażliet diskussi hawn fuq. Kif spjegat, dan il-livell tat-tariffa 'l fuq mill-kwota ma jagħtix protezzjoni sħiħa lill-Unjoni kompletament kontra d-devjazzjoni tal-kummerċ. Għall-kuntrarju, mhux talli se tippermetti l-fluss liberu tal-importazzjonijiet tradizzjonali, iżda, barra minn hekk, il-livelli tat-tariffi tal-kwoti msemmija se jagħmluha possibbli wkoll li, minkejja l-ħlas tat-tariffa, proporzjon limitat ta' bejgħ b'devjazzjoni tal-kummerċ jibqa' possibbli fis-suq tal-Unjoni, anki meta jinqabżu l-livelli kummerċjali tradizzjonali biex jissodisfaw id-domanda li mistennija tiżdied.

(178) Fir-rigward tal-kummenti magħmula mill-partijiet interessati dwar l-użu ta' mudell makroekonomiku wieħed li jieħu l-kategoriji kollha ta' prodotti flimkien minflok ma juża analiżi aktar diżaggregata mal-mudell, il-Kummissjoni, kif spjegat fl-istadju proviżorju u fit-Taqsima 2 hawn fuq, tqis li minħabba l-livell għoli ta' interkonnessjonijiet bejn il-kategoriji tal-prodotti minn perspettiva ta' provvista u domanda, tali valutazzjoni kumplessiva hija pertinenti bis-sħiħ b'mod partikolari jekk jittieħdu valuri konservattivi ta' elastiċitajiet.

(179) Fir-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni ddikjarat li hija se ssegwi mill-qrib l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet qabel ma tadotta pożizzjoni finali. L-istatistika tal-Istati Uniti u tal-Unjoni dwar l-importazzjonijiet tal-kategoriji ta' prodotti tal-azzar taħt investigazzjoni turi li minkejja ż-żieda importanti fil-prezzijiet mill-miżuri tat-Taqsima 232 fis-suq tal-Istati Uniti, hemm tnaqqis sostanzjali u dejjiemi tal-importazzjonijiet fl-Istati Uniti f'dawn l-aħħar sitt xhur minn Mejju 2018 li tikkorrispondi ma' żieda sostnuta fit-tkabbir tal-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-istess kategoriji ta' prodotti tal-azzar matul l-istess perjodu. Minn Mejju sa Settembru 2018, l-importazzjonijiet tal-Istati Uniti tal-kategoriji ta' prodotti taħt investigazzjoni naqsu bi 2,6 miljun tunnellata fir-rigward tal-istess perjodu fl-2017, filwaqt li l-importazzjonijiet tal-UE tal-istess prodotti żdiedu sostanzjalment b'żieda ta' 2 miljun tunnellata (77 % tat-tnaqqis tal-Istati Uniti) matul l-istess perjodu. Dan jirrappreżenta xejra ċara 'l fuq. Din id-*data* turi biċ-ċar li l-effetti maħsuba tal-miżuri protezzjonisti tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti biex jiġi prodott tnaqqis fl-importazzjonijiet tal-azzar ta' 13,3 miljun tunnellata metrika mil-livelli tal-2017 jinsabu fi stadju avvanzat. Għalhekk, ix-xejriet tal-importazzjoni l-aktar osservati ma jidhrux li jikkontradixxu s-suppożizzjonijiet li saru fil-mudell ta' rata possibbli ta' devjazzjoni tal-kummerċ ta' madwar 70 % li l-miżuri tal-Istati Uniti eventwalment jistgħu jiksbu ladarba dawn ikunu użaw l-effetti protezzjonisti sħaħ tagħhom tul iż-żmien. Dan lanqas ma jikkontradixxi l-ħtieġa konsegwenti li jkun hemm tariffa tariffarja ta' kwota ogħla minn 30 % sabiex jiġi protett bis-sħiħ is-suq tal-Unjoni mill-effetti indotti tagħhom. Dan il-livell jikkoinċidi wkoll mar-riżultat deskritt hawn fuq tas-simulazzjonijiet mikroekonomiċi.

(180) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkonferma r-rata tariffarja ta' 25 % fuq il-kwota u dan jirrappreżenta l-għażla ta' rimedju minimu u l-inqas disturb kontra d-devjazzjoni tal-kummerċ prodotta mill-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti.

8.2. **Amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji**

(181) Kif spjegat hawn fuq, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet tal-interess tal-Unjoni u sabiex jinżammu kemm jista' jkun il-flussi kummerċjali tradizzjonali, l-aħjar mod biex jiġi żgurat l-aħjar użu tal-kwoti tariffarji huwa li jiġi allokat l-aħjar użu possibbli tal-kwoti tariffarji bejn il-pajjiżi li għandhom interess sostanzjali fil-provvista tal-prodott ikkonċernat u, għall-oħrajn, fl-ordni kronoloġika tad-dati li fihom id-dikjarazzjonijiet tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jiġu aċċettati, kif previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([28]). Dan il-metodu ta' amministrazzjoni jeħtieġ kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

(182) L-eliġibilità ta' oġġetti importati minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex ikunu esklużi mill-kwoti tariffarji jiddependi mill-oriġini tal-oġġetti. Għaldaqstant, għandhom jiġu applikati l-kriterji għad-determinazzjoni tal-oriġini mhux preferenzjali bħalissa fis-seħħ fl-Unjoni.

(183) Għall-finijiet tal-miżuri definittivi, sabiex ikunu jistgħu jitkomplew il-flussi kummerċjali tradizzjonali, se tiġi determinata kwota speċifika għal kull waħda mill-kategoriji ta' prodotti li fuqha dan ir-Regolament jimponi miżuri definittivi.

8.3. **Miżuri antidumping u antisussidji applikabbli**

(184) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji, diversi utenti u importaturi tennew l-affermazzjonijiet tagħhom li l-produtturi tal-Unjoni mhumiex fil-bżonn ta' protezzjoni addizzjonali minħabba l-miżuri antidumping u antisussidji eżistenti, u li fi kwalunkwe każ miżuri ta' salvagwardja u antidumping/antisussidji ma għandhomx jiġu kumulati.

(185) Il-Kummissjoni tfakkar li l-miżuri ta' antidumping u d-dazju kumpensatorju ma jfittxux li jagħlqu s-suq tal-Unjoni iżda sempliċement jirrimedjaw prattiki ta' kummerċ li jagħmlu ħsara. Bħala tali, dawn il-miżuri għandhom fil-mira tagħhom sitwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ta' dumping u sussidjar, għandhom kamp ta' applikazzjoni u skop differenti mill-miżura ta' salvagwardja imposta permezz ta' dan ir-Regolament, u ma jeskludux lil xulxin.

(186) Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (117) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li akkumulazzjoni tal-miżuri antidumping/antisussidji b'salvagwardji tista' twassal għal effett akbar milli mixtieq. Peress li din il-kwistjoni ta' akkumulazzjoni se tirriżulta biss potenzjalment ladarba l-limiti massimi tal-kwoti tariffarji jintlaħqu, il-Kummissjoni se tesplora l-ħtieġa li tindirizza l-kwistjoni fi stadju aktar tard u fi żmien xieraq. F'dan il-qafas, sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' "rimedji doppji" kull meta tinqabeż il-kwota tariffarja, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra meħtieġ li tissospendi jew tnaqqas il-livell tad-dazji antidumping u kumpensatorji eżistenti biex tiżgura li l-effett ikkombinat ta' dawn il-miżuri ma jaqbiżx l-ogħla livell ta' dazji ta' salvagwardja jew antidumping/kumpensatorji fis-seħħ.

([28]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558.

8.4. **Tul ta' żmien**

(187) Il-Kummissjoni tqis li l-miżuri jenħtieġ li jkunu fis-seħħ għal perjodu ta' tliet snin (inkluż il-perjodu ta' impożizzjoni tal-miżuri proviżorji), li jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2021. Kwota tar-rata tariffarja għandha tkun miftuħa għall-perjodu mit-2 ta' Frar 2019 sat-30 ta' Ġunju 2019, minn hemm' il quddiem, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020, u, wara dan, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021, kif speċifikat fl-Anness IV għal kull kategorija ta' prodott ikkonċernat.

(188) Peress li t-tul ta' żmien tal-miżuri huwa għal aktar minn sena, il-miżuri jridu jiġu liberalizzati progressivament f'intervalli regolari matul il-perjodu ta' applikazzjoni. Il-Kummissjoni tqis li l-aktar mod xieraq biex jiġu liberalizzati l-miżuri huwa li jiżdied il-livell tal-kwota bla dazju b'5 % wara kull sena. Dan jenħtieġ li jinkludi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri proviżorji, li jfisser li l-ewwel liberalizzazzjoni se ssir fil-1 ta' Lulju 2019, bit-tieni liberalizzazzjoni sseħħ fil-1 ta' Lulju 2020. Liberalizzazzjonijiet sussegwenti se jsegwu l-istess mudell.

8.5. **Sorveljanza fuq prodotti tal-azzar**

(189) Miżuri ta' sorveljanza fuq prodotti tal-azzar suġġetti għal din l-investigazzjoni ġew introdotti f'April 2016 minħabba li deher li x-xejriet fl-importazzjonijiet heddu li jikkawżaw dannu serju. Minħabba l-konstatazzjonijiet ta' din l-investigazzjoni u l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja definittivi, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' sorveljanza fuq il-prodotti tal-azzar soġġetti għal miżuri ta' salvagwardja jenħtieġ li tiġi sospiża matul iż-żmien tal-impożizzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja.

9. L-ESKLUŻJONI TA' ĊERTI PAJJIŻI MILL-AMBITU TAL-MIŻURI DEFINITTIVI

(190) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2015/478 u mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, il-miżuri proviżorji ma għandhomx japplikaw għal kwalunkwe prodott li joriġina minn pajjiżi membru tad-WTO fil-fażi tal-iżvilupp sakemm is-sehem mill-importazzjonijiet tiegħu ta' dak il-prodott fl-Unjoni ma jaqbiżx it-3 %, dment li l-membri tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp tad-WTO b'anqas minn sehem tal-importazzjonijiet ta' 3 % flimkien ma jirrappreżentawx aktar minn 9 % tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat.

(191) Id-determinazzjoni preliminari magħmula mill-Kummissjoni turi li l-kategoriji ta' prodotti kkonċernati li joriġinaw minn ċerti pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jibbenefikaw mid-deroga msemmija hawn fuq. L-Anness III.2 (*Lista ta' kategoriji tal-prodott li joriġinaw fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li għalihom japplikaw il-miżuri definittivi*) jispeċifika l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Għal kull waħda mis-26 kategorija tal-prodott dan jindika wkoll il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li għalihom japplikaw il-miżuri proviżorji. Il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li tikkalkula l-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fuq il-bażi tal-istatistika disponibbli matul l-aktar perjodu reċenti għal kull kategorija tal-prodott billi l-kwota tar-rata tariffarja hija stabbilita wkoll b'referenza għall-flussi tradizzjonali tal-kummerċ minn kull kategorija b'mod individwali.

(192) Billi l-esklużjoni tal-pajjiżi Membri tad-WTO li qed jiżviluppaw jenħtieġ li tapplika sakemm is-sehem ta' dak il-pajjiż fl-importazzjoni mill-Unjoni ma jaqbiżx 3 %, il-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni tas-sitwazzjoni fuq bażi regolari, u mill-inqas fl-aħħar ta' kull sena ta' impożizzjoni ta' miżuri, sabiex teżamina jekk xi pajjiż ikunx qabeż il-limitu ta' hawn fuq u jekk eventwalment jenħtieġx li jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja.

(193) Kif stabbilit fil-premessa (80) tar-Regolament proviżorju, fid-dawl tal-integrazzjoni mill-qrib tas-swieq mal-membri taż-ŻEE, taċ-ċifri ġenerali tal-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi, u tar-riskju baxx ta' devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali, il-Kummissjoni tqis li l-prodotti vvalutati li joriġinaw min-Norveġja, mill-Iżlanda u mil-Liechtenstein għandhom jiġu esklużi mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, sabiex ikun hemm konformità mal-obbligi bilaterali, ċerti pajjiżi li magħhom l-Unjoni ffirmat Ftehim ta' Shubija Ekonomika li huwa attwalment fis-seħħ ([29]) għandhom ukoll jiġu esklużi mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment li jista' jwassal għal bidla f'dawn il-konklużjonijiet li huma għalhekk ikkonfermati.

10. OBBLIGI LI JIRRIŻULTAW MINN FTEHIMIET BILATERALI BEJN L-UNJONI U PAJJIŻI TERZI.

(194) Il-Kummissjoni żgurat li l-miżuri ta' salvagwardja meħuda skont dan ir-Regolament jikkonformaw ukoll mal-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehimiet bilaterali ffirmati ma' ċerti pajjiżi terzi.

([29]) Il-Botswana, il-Kamerun, Fiġi, il-Gana, il-Kosta tal-Avorju, il-Lesoto, il-Mozambique, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel, l-Eswatini.

(195) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li nstab li l-importazzjonijiet mill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja lejn l-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti fil-perjodu li qed jiġi investigat u kkontribwew għat-theddida ta' dannu serju mġarrab mill-industrija tal-azzar tal-Unjoni. Dawn l-importazzjonijiet, għalhekk, jilħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jittieħdu miżuri ta' salvagwardja skont l-Artikolu 37(1) tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni konkluż bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ([30]).

(196) Huwa meqjus ukoll li minħabba l-ambitu u l-konklużjonijiet tal-investigazzjoni, hemm tfixkil serju fis-settur tal-azzar, u li miżuri ta' salvagwardja huma għalhekk iġġustifikati skont l-Artikolu 26 tal-Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera fl-1972 ([31]).

(197) Fl-aħħar nett, l-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Turkija jissodisfaw ukoll il-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 12 tal-Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-kummerċ fi prodotti koperti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar ([32]) u l-Artikolu 60 tal-Protokoll Addizzjonali ffirmat fit-23 ta' Novembru 1970, anness mal-Ftehim li jistabbilixxi l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija ([33]).

11. **KUNSIDERAZZJONIJIET FINALI**

(198) Fid-dawl tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja ([34]), huwa xieraq li tiġi prevista r-rata tal-imgħax ta' inadempjenza li trid titħallas f'każ ta' kwalunkwe rimborż potenzjali ta' dazji definittivi, minħabba li d-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ rigward id-dazji doganali ma jipprevedux tali rata ta' mgħax, u l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali jwasslu għal distorsjonijiet mhux dovuti bejn l-operaturi ekonomiċi skont liema Stat Membru jintgħażel għall-iżdoganar tal-merkanzija.

(199) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbiliti skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2015/478 u l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2015/755 rispettivament.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Soġġett għall-Artikoli 6 u 7, b'dan qed tinfetaħ kwota tariffarja fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' kull waħda mis-26 kategorija tal-prodott kkonċernati (definiti b'referenza għall-kodiċi NM speċifikati fir-rigward tagħha fl-Anness I) u għal kull perjodu speċifikati fl-Anness IV.1 u IV.2.

2. Għal kull waħda mill-kategoriji ta' prodotti kkonċernati, u bl-eċċezzjoni tal-kategorija tal-prodott 1, parti minn kull kwota tar-rata tariffarja hija allokata lill-pajjiżi speċifikati fl-Anness IV.

3. Il-parti li jifdal minn kull kwota tar-rata tariffarja, kif ukoll il-kwota tar-rata tariffarja għall-kategorija tal-prodotti 1, għandhom jiġu allokati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, abbażi ta' kwota tar-rata tariffarja stabbilita b'mod ugwali għal kull trimestru tal-perjodu tal-impożizzjoni.

4. Il-ġbid minn kull kwota trimestrali għandu jitwaqqaf fl-għoxrin jum ta' xogħol tal-Kummissjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' tliet xhur. Fl-aħħar ta' kull kwart tas-sena, il-bilanċi mhux użati tal-kwota tar-rata tariffarja għandhom ikunu trasferiti awtomatikament għat-trimestru li jmiss. Ma għandu jiġi ttrasferit l-ebda bilanċ mhux użat fi tmiem l-aħħar tliet xhur ta' kull sena ta' applikazzjoni tal-kwota tariffarja definittiva.

5. Meta l-kwota rilevanti skont il-paragrafu 2 tiġi eżawrita għal pajjiż speċifiku wieħed, l-importazzjonijiet minn dak il-pajjiż jistgħu jsiru taħt il-parti li jifdal tal-kwota tariffarja għall-istess kategorija tal-prodott. Dik id-dispożizzjoni għandha tapplika biss matul l-aħħar tliet xhur ta' kull sena ta' applikazzjoni tal-kwota tariffarja definittiva.

6. Fejn il-kwota tariffarja rilevanti tiġi eżawrita jew fejn l-importazzjonijiet tal-kategoriji tal-prodott ma jibbenefikawx mill-kwota tariffarja rilevanti, għandu jiġi applikat dazju addizzjonali bir-rata ta' 25 %, applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, fuq il-kategoriji tal-prodott stabbiliti fl-Anness IV.1.

([30]) ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13.
([31]) ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189.
([32]) ĠU L 227, 7.9.1996, p. 3.
([33]) ĠU L 293, 29.12.1972, p. 3.
([34]) Sentenza tal-Qorti (it-Tielet Awla) tat-18 ta' Jannar 2017, C-365/15, *Wortmann vs Hauptzollamt Bielefeld*, EU:C:2017:19, il-paragrafi minn 35 sa 39.

Artikolu 2

1. L-oriġini ta' kwalunkwe prodott li għalih japplika dan ir-Regolament għandha tiġi ddeterminata f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Unjoni b'rabta mal-oriġini mhux preferenzjali.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali L-imgħax ta' inadempjenza li għandu jitħallas f'każ ta' rimborż li jwassal għal dritt ta' ħlas ta' mgħax ta' inadempjenza għandu jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih taħbat id-data tal-iskadenza, b'żieda ta' punt perċentwali wieħed.

Artikolu 3

Il-kwoti tar-rati tariffarji stabbiliti fl-Artikolu 1 għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għar-rati tal-kwoti tariffarji pprovduti fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

Artikolu 4

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw flimkien biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

1. Soġġett għall-paragrafu 2, l-importazzjonijiet tat-26 kategorija tal-prodott speċifikati fl-Anness IV li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi speċifikati fl-Anness III ma għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri li jinsabu fl-Artikolu 1.

2. Għal kull waħda mis-26 kategorija tal-prodott speċifikati fl-Anness IV, l-Anness III.2 jispeċifika l-pajjiżi oriġinarji li għandhom ikunu soġġetti għall-miżuri stipulati fl-Artikolu 1.

Artikolu 6

1. Prodotti li joriġinaw min-Norveġja, mill-Iżlanda, u mil-Liechtenstein ma għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 1.

2. Il-pajjiżi li ġejjin ukoll ma għandhomx ikunu soġġetti għall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 1: Il-Botswana, il-Kamerun, Fiġi, il-Gana, il-Kosta tal-Avorju, il-Lesoto, il-Mozambique, in-Namibja, l-Afrika t'Isfel, l-Eswatini.

Artikolu 7

Il-miżuri ta' sorveljanza preċedenti fis-seħħ permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/670 ([35]) għandhom jiġu sospiżi għall-prodotti msemmija fl-Anness IV matul iż-żmien tal-impożizzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja stipulati fl-Artikolu 1.

Artikolu 8

Matul il-perjodu stipulat fl-Annessi IV.1 u IV.2 il-Kummissjoni tista' tirrevedi l-miżuri f'każ ta' bidla fiċ-ċirkustanzi.

Artikolu 9

